

Linji Gwida



Linji Gwida 8/2020 dwar l-immirar tal-utenti tal-midja soċjali

Verżjoni 2.0

Adottati fit-13 ta' April 2021

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

Rekord tal-verżjonijiet

Verżjoni 2.0	It-13 ta' April 2021	Adozzjoni tal-Linji Gwida wara konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 1.0	It-2 ta' Settembru 2020	Adozzjoni tal-Linji Gwida għal konsultazzjoni dwar il-pubblikazzjoni

WERREJ

Werrej.....	3
1 Introduzzjoni.....	4
2 Kamp ta' applikazzjoni.....	5
3 Riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tal-utenti maħluqa mill-ipproċessar ta' <i>data</i> personali	6
4 Atturi u Rwoli.....	9
4.1 Utenti.....	9
4.2 Fornituri tal-midja soċjali.....	10
4.3 Persuni responsabbli mill-immirar	10
4.4 Atturi rilevanti oħrajn.....	11
4.5 Rwoli u responsabbiltajiet.....	12
5 Analiżi tal-mekkaniżmi ta' mmirar differenti.....	14
5.1 Ħarsa ġenerali.....	14
5.2 Immirar abbażi tad- <i>data</i> pprovduta.....	15
5.2.1 <i>Data</i> pprovduta mill-utent lill-fornitur tal-midja soċjali.....	15
A. Rwali	16
B. Bażi ġuridika	17
5.2.2 <i>Data</i> pprovduta mill-utent tal-pjattaforma tal-midja soċjali lill-persuna responsabbli mill-immirar.....	20
A. Rwali	21
B. Bażi ġuridika	22
5.3 Immirar abbażi tad- <i>data</i> osservata	22
5.3.1 Rwali	23
5.3.2 Bażi ġuridika	24
5.4 Immirar abbażi tad- <i>data</i> inferita	26
5.4.1 Rwali	27
5.4.2 Bażi ġuridika	27
6 It-trasparenza u d-dritt ta' aċċess	28
6.1 L-essenza tal-arranġament u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta (l-Artikolu 26(2) tal-GDPR) 29	
6.2 Id-dritt ta' aċċess (l-Artikolu 15).....	30
7 Valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad- <i>data</i> (DPIA).....	32
8 Kategoriji speċjali ta' <i>data</i>	33

8.1	X'jkkostitwixxi kategorija speċjali ta' <i>data</i>	33
8.1.1	Kategoriji speċjali espliċiti ta' <i>data</i>	34
8.1.2	Kategoriji speċjali inferiti u kkombinati ta' <i>data</i>	35
8.2	L-eċċezzjoni tal-Artikolu 9(2) ta' kategoriji speċjali ta' <i>data</i> magħmula manifestament pubblika	37
9	Kontroll konġunt u responsabbiltà.....	38
9.1	Arranġament ta' kontrollur konġunt u determinazzjoni tar-responsabbiltajiet (l-Art. 26 tal-GDPR) 38	
9.2	Il-livelli ta' responsabbiltà	40

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1)(e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE.

ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN

1 INTRODUZZJONI

1. Żvilupp sinifikanti fl-ambjent online matul l-aħħar għaxar snin kien iż-żieda tal-midja soċjali. Aktar u aktar individwi jużaw il-midja soċjali biex jibqgħu f'kuntatt mal-familja u l-ħbieb, biex jinvolvu ruħhom f'networking professjonali jew biex jikkonnettjaw madwar interessi u ideat kondiviżi. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, il-midja soċjali tinftiehem bħala pjattaformi online li jippermettu l-iżvilupp ta' networks u komunitajiet ta' utenti, li fosthom jiġu kondiviżi l-informazzjoni u l-kontenut.¹ Il-karatteristiċi ewlenin tal-midja soċjali jinkludu l-kapaċità tal-individwi li jirreġistraw sabiex joħolqu "kontijiet" jew "profili" għalihom infushom, jinteraġixxu ma' xulxin billi jikkondividu kontenut iġġenerat mill-utenti jew kontenut ieħor u jiżviluppaw konnessjonijiet u networks ma' utenti oħrajn.²
2. Bħala parti mill-mudell kummerċjali tagħhom, ħafna fornituri tal-midja soċjali joffru servizzi ta' mmirar. Is-servizzi ta' mmirar jagħmluha possibbli għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi (persuni responsabbli mill-imirar) li jikkomunikaw messaġġi speċifiċi lill-utenti tal-midja soċjali sabiex imexxu 'l quddiem

¹ Funzjonijiet addizzjonali pprovduti mill-midja soċjali jistgħu jinkludu, pereżempju, personalizzazzjoni, integrazzjoni tal-applikazzjonijiet, plug-ins soċjali, awtentikazzjoni tal-utenti, analitika u pubblikazzjoni. Il-funzjonijiet tal-midja soċjali jistgħu jkunu offerta awtonoma ta' kontrolluri jew jistgħu jiġu integrati bħala parti minn offerta usa' ta' servizz.

² Minbarra l-pjattaformi tal-midja soċjali "tradizzjonali", eżempji oħrajn tal-midja soċjali jinkludu: pjattaformi għat-tlaqqiġ tal-koppji fejn l-utenti rreġistrati jippreżentaw lilhom infushom biex isibu sieħeb/sieħba li jistgħu jiltaqgħu magħhom fil-ħajja reali; pjattaformi fejn l-utenti rreġistrati jistgħu jtellgħu l-vidjos tagħhom stess, jikkollegaw ma' vidjos ta' utenti oħrajn u jikkomentaw dwarhom; jew loġħob tal-kompjuter fejn l-utenti rreġistrati jistgħu jilagħbu flimkien fi gruppi, jiskambjaw informazzjoni jew jikkondividu l-esperjenzi u s-suċċessi tagħhom fil-loġħba.

interessi kummerċjali, politiċi jew oħrajn.³ Karatteristika distintiva tal-immirar hija l-idoneità perċepita bejn il-persuna jew il-grupp li jkun qed jiġi mmirat u l-messaġġ li jkun qed jitwassal. Is-suppożizzjoni sottostanti hija li aktar ma tkun tajba l-idoneità, aktar tkun għolja r-rata ta' akkoljenza (konverżjoni) u, b'hekk, aktar tkun effettiva l-kampanja ta' mmirar (redditu fuq l-investment).

3. Il-mekkaniżmi għall-immirar tal-utenti tal-midja soċjali żdiedu fis-sofistikazzjoni maż-żmien. L-organizzazzjonijiet issa għandhom il-kapaċità li jimmiraw individwi abbażi ta' firxa wiesgħa ta' kriterji. Tali kriterji setgħu ġew żviluppati abbażi ta' *data* personali li l-utenti pprovdew jew ikkondividew b'mod attiv, bħall-istatus tar-relazzjoni tagħhom. Madankollu, qed jiġu żviluppati wkoll dejjem aktar kriterji ta' mmirar abbażi ta' *data* personali li għet osservata jew inferita mill-fornitur tal-midja soċjali jew minn partijiet terzi, u miġbura (aggregata) mill-pjattaforma jew minn atturi oħrajn (eż. sensara tad-*data*) biex jappoġġaw għażliet ta' mmirar tar-reklami. Fi kliem ieħor, l-immirar tal-utenti tal-midja soċjali jinvolvi mhux biss l-att ta' "għażla" tal-individwi jew tal-gruppi ta' individwi li huma r-riċevituri maħsuba ta' messaġġ partikolari (l-"udjenza fil-mira"), iżda minflok dan jinvolvi proċess sħiħ imwettaq minn sett ta' partijiet ikkonċernati li jirriżulta fit-twassil ta' messaġġi speċifiċi lil individwi b'kontinuità tal-midja soċjali.⁴
4. Il-kombinazzjoni u l-analiżi tad-*data* li toriġina minn sorsi differenti, flimkien man-natura potenzjalment sensittiva tad-*data* personali pproċessata fil-kuntest tal-midja soċjali⁵, joħolqu riskji għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi. Minn perspettiva ta' protezzjoni tad-*data*, ħafna riskji huma relatati man-nuqqas possibbli ta' trasparenza u kontroll tal-utenti. Għall-individwi kkonċernati, l-ipproċessar sottostanti tad-*data* personali li jirriżulta fit-twassil ta' messaġġ immirat spiss ma jkunx trasparenti. Barra minn hekk, huwa jista' jinvolvi użi mhux antiċipati jew mhux mixtieqa ta' *data* personali, li jqajmu mistoqsijiet mhux biss dwar il-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*, iżda wkoll b'rabta ma' drittijiet u libertajiet fundamentali oħrajn. Reċentement, l-immirar tal-midja soċjali kiseb aktar interess pubbliku u skrutinju regolatorju fil-kuntest tat-teħid ta' deċiżjonijiet demokratiċi u tal-proċessi elettorali.⁶

2 KAMP TA' APPLIKAZZJONI

5. L-immirar tal-utenti tal-midja soċjali jista' jinvolvi varjetà ta' atturi differenti li, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom jinqasmu f'erba' gruppi: il-fornituri tal-midja soċjali, l-utenti tagħhom, il-persuni responsabbli mill-immirar u atturi oħrajn li jistgħu jkunu involuti fil-proċess tal-immirar. L-importanza li jiġu identifikati b'mod korrett ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tad-diversi atturi dan l-aħħar għet enfasizzata bis-sentenzi f'*Wirtschaftsakademie* u *Fashion ID* tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

³ L-immirar ġie definit bħala "l-att li tidderieġi jew timmira xi ħaġa lejn grupp partikolari ta' nies" u "l-att li tipprova tappella għal persuna jew grupp jew li tinfluwenzahom b'xi mod". <https://www.collinsdictionary.com/dictionary/english/targeting>.

⁴ Il-messaġġi mwassla tipikament jikkonsistu f'immaġnijiet u test, iżda jistgħu jinvolvu wkoll formati ta' vidjo u/jew awdjo.

⁵ Id-*data* personali pproċessata fil-kuntest tal-midja soċjali tista' tikkostitwixxi "kategoriji speċjali ta' *data* personali" skont l-Artikolu 9 tal-GDPR, tkun relatata ma' individwi vulnerabbli, jew inkella tkun ta' natura personali ħafna. Ara wkoll l-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, il-Linji Gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA) u d-determinazzjoni ta' jekk l-ipproċessar huwiex "probabbli li jirriżulta f'riskju għoli" għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP 248 rev. 01, p. 9.

⁶ Ara, pereżempju: https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb-2019-03-13-statement-on-elections_mt.pdf; <https://ico.org.uk/about-the-ico/news-and-events/news-and-blogs/2018/07/findings-recommendations-and-actions-from-ico-investigation-into-data-analytics-in-political-campaigns/>; https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/sotou2018-data-protection-law-electoral-guidance-638_mt.pdf; <https://www.personuvernd.is/information-in-english/greinar/nr/2880>.

(QĠUE).⁷ Iż-żewġ sentenzi juru li l-interazzjoni bejn il-fornituri tal-midja soċjali u atturi oħrajn tista' twassal għal responsabbiltajiet konġunti skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.

6. B'kont meħud tal-ġurisprudenza tal-QĠUE, kif ukoll tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR rigward il-kontrolluri konġunti u r-responsabbiltà, dawn il-linji gwida joffru gwida dwar l-immirar tal-utenti tal-midja soċjali, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-persuni responsabbli mill-immirar u tal-fornituri tal-midja soċjali. Fejn teżisti responsabbiltà konġunta, il-linji gwida se jfittxu li jiċċaraw kif tista' tkun tidher id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-persuni responsabbli mill-immirar u l-fornituri tal-midja soċjali abbażi ta' eżempji prattiċi.⁸
7. Għalhekk, l-għan ewlieni ta' dawn il-linji gwida huwa li jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet fost il-fornitur tal-midja soċjali u l-persuna responsabbli mill-immirar. Sabiex isir dan, il-linji gwida jidentifikaw ukoll ir-riskji potenzjali għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi (it-taqsim 3), l-atturi ewlenin u r-rwoli tagħhom (it-taqsim 4), u jindirizzaw l-applikazzjoni ta' rekwiżiti ewlenin tal-protezzjoni tad-*data* (bħal-legalità u t-trasparenza, id-DPIA, eċċ.), kif ukoll elementi ewlenin tal-arranġamenti bejn il-fornituri tal-midja soċjali u l-persuni responsabbli mill-immirar.
8. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida jkopri r-relazzjonijiet bejn l-utenti rreġistrati ta' network soċjali, il-fornituri tiegħu, kif ukoll il-persuni responsabbli mill-immirar. Analiżi bir-reqqa, ta' xenarji, bħal individwi li mhumiex irreġistrati mal-fornituri tal-midja soċjali, ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida.

3 RISKJI GĦAD-DRITTIJET U L-LIBERTAJET TAL-UTENTI MAĦLUQA MILL-IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

9. Il-GDPR jissottolinja l-importanza ta' evalwazzjoni u mitigazzjoni kif suppost ta' kwalunkwe riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi li jirriżulta mill-ipproċessar ta' *data* personali.⁹ Il-mekkaniżmi li jistgħu jintużaw biex jimmiraw għall-utenti tal-midja soċjali, kif ukoll l-attivitajiet ta' pproċessar sottostanti li jippermettu l-immirar, jistgħu joħolqu riskji sinifikanti. Dawn il-linji gwida ma jfittxux li jipprovdu lista eżawrjenti tar-riskji possibbli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi. Madankollu, l-EDPB iqis li huwa importanti li jiġu indikati ċerti tipi ta' riskji u li jiġu pprovduti għadd ta' eżempji ta' kif dawn jistgħu jimmanifestaw ruħhom.
10. L-immirar tal-utenti tal-midja soċjali jista' jinvolvi l-użi ta' *data* personali li jmorru kontra jew lil hinn mill-aspettattivi raġonevoli tal-individwi u b'hekk jiksru l-prinċipji u r-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*. Pereżempju, fejn pjattaforma tal-midja soċjali tgħaqqad *data* personali minn sorsi ta' partijiet terzi ma' *data* divulgata mill-utenti tal-pjattaforma tagħha, dan jista' jwassal biex id-*data* personali tintuża lil hinn mill-fini inizjali tagħha u b'modi li l-individwu ma jstax jantiċipa b'mod raġonevoli. L-attivitajiet ta' tfassil ta' profili li huma konnessi mal-immirar jistgħu jinvolvu inferenza ta' interessi jew karatteristiċi oħrajn, li l-individwu ma kienx iddivulga b'mod attiv, u b'hekk jimminaw il-

⁷ Il-QĠUE, Is-Sentenza f' *Wirtschaftsakademie*, il-5 ta' Ġunju 2018, C-210/16, ECLI:EU:C:2018:388; Il-QĠUE, Is-Sentenza f' *Fashion ID*, id-29 ta' Lulju 2019, C-40/17, ECLI:EU:C:2019:629.

⁸ Din il-gwida hija mingħajr preġudizzju għal-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur skont il-GDPR adottati fit-2 ta' Settembru 2020, f'dak li għandu x'jaqsam mad-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet f'kuntesti oħrajn.

⁹ Skont l-Artikolu 24 tal-GDPR, il-kontrollur għandu jimplementa miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżgura u jkun jista' juri li l-ipproċessar jitwettaq f'konformità mal-GDPR, "b'kont meħud tan-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-finijiet tal-ipproċessar, kif ukoll ir-riskji ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi". Ara wkoll il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA) u d-determinazzjoni ta' jekk l-ipproċessar huwiex "probabbli li jirriżulta f'riskju għoli" għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP248 rev. 01, l-4 ta' Ottubru 2017.

kapaċità tal-individwu li jeżerċita kontroll fuq id-*data* personali tiegħu.¹⁰ Barra minn hekk, nuqqas ta' trasparenza rigward ir-rwol tal-atturi differenti u l-operazzjonijiet ta' pproċessar involuti jista' jimmina, jikkomplika jew ifixkel l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*.

11. It-tieni tip ta' riskju jikkonċerna l-possibbiltà ta' diskriminazzjoni u esklużjoni. L-immirar tal-utenti tal-midja soċjali jista' jinvolvi kriterji li, direttament jew indirettament, ikollhom effetti diskriminatorji relatati mal-orijini razzjali jew etnika, l-istat ta' saħħa jew l-orjentazzjoni sesswali ta' individwu, jew ma' kwalitajiet protetti oħrajn tal-individwu kkonċernat. Pereżempju, l-użu ta' tali kriterji fil-kuntest ta' reklamar relatat ma' offeriti ta' impjegji, abitazzjoni jew kreditu (self, ipoteki) jista' jnaqqas il-viżibbiltà tal-opportunitajiet għal persuni f'ċerti gruppi ta' individwi. Il-potenzjal għal diskriminazzjoni fl-immirar jirriżulta mill-kapaċità tar-reklamaturi li jimmassimizzaw il-kwantità u l-varjetà estensivi ta' *data* personali (eż. id-demografija, id-*data* dwar l-imġiba u l-interessi) li l-pjattaformi tal-midja soċjali jiġbru dwar l-utenti tagħhom.¹¹ Riċerka reċenti tissuġġerixxi li l-potenzjal għal effetti diskriminatorji jeżisti wkoll mingħajr l-użu ta' kriterji li huma direttament marbuta ma' kategoriji speċjali ta' *data* personali fis-sens tal-Artikolu 9 tal-GDPR.¹²
12. It-tieni kategorija ta' riskju tirrigwardja l-manipulazzjoni potenzjali possibbli tal-utenti. Skont id-definizzjoni tagħhom, il-mekkaniżmi ta' mmirar jintużaw sabiex jinfluwenzaw l-imġiba u l-għażliet tal-individwi, kemm jekk f'termini tad-deċiżjonijiet tax-xiri tagħhom bħala konsumaturi, kif ukoll jekk f'termini tad-deċiżjonijiet politiċi tagħhom bħala ċittadini involuti fil-ħajja ċivika.¹³ Madankollu, ċerti approċċi tal-immirar jistgħu jaslju biex idgħajfu l-awtonomija u l-libertà tal-individwu (eż. billi jitwasslu messaġġi individwalizzati maħsuba biex jisfruttaw jew saħansitra jaċċentwaw ċerti vulnerabbiltajiet, valuri personali jew tħassib). Pereżempju, analiżi tal-kontenut kondiviż permezz tal-midja soċjali tista' tiddivulga informazzjoni dwar l-istat emozzjonali (eż. permezz ta' analiżi tal-użu ta' ċertu kliem ewlieni). Tali informazzjoni tista' tintuża biex timmira għall-individwu b'messaġġi speċifiċi u f'mumentu speċifiċi li għalihom huwa mistenni jkun aktar riċettiv, biex b'hekk tinfluwenza bil-moħbi l-proċess tal-ħsieb, l-emozzjonijiet u l-imġiba tiegħu.¹⁴
13. Il-mekkaniżmi li jimmiraw għall-utenti tal-midja soċjali jistgħu jintużaw ukoll biex jinfluwenzaw indebitament lill-individwi f'dak li għandu x'jaqsam mad-diskors politiku u l-proċessi elettorali demokratiċi.¹⁵ Filwaqt li l-kampanji politiċi offline "tradizzjonali" għandhom l-għan li jinfluwenzaw l-imġiba tal-votanti permezz ta' messaġġi li ġeneralment ikunu disponibbli u li jistgħu jiġu rkuprati (verifikabbli), il-mekkaniżmi ta' mmirar disponibbli online jippermettu lill-partiti politiċi u lill-kampanji jimmiraw għal votanti individwali b'messaġġi mfassla apposta għalihom, speċifiċi għall-ħtiġijiet, l-

¹⁰ Ara wkoll l-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS) dwar il-manipulazzjoni online, Opinjonijiet 3/2018, id-19 ta' Marzu 2018, p. 15 ("*It-tħassib li tintuża data minn profili għal finijiet differenti permezz ta' algoritmi huwa li d-data tinfexx il-kuntest oriġinali tagħha. L-adattament tad-data għal skop differenti x'aktarx li jaffettwa l-awtodeterminazzjoni informattiva ta' persuna, inaqqas aktar il-kontroll tas-suġġetti tad-data fuq id-data tagħhom, u b'hekk jaffettwa l-fiduċja fl-ambjenti u s-servizzi diġitali.*").

¹¹ T. Speicher a.o., Potential for Discrimination in Online Targeted Advertising, Proceedings of the 1st Conference on Fairness, Accountability and Transparency, *Proceedings of Machine Learning Research* PMLR 81:5-19, 2018, <http://proceedings.mlr.press/v81/speicher18a.html>.

¹² Idem.

¹³ Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, Opinjonijiet 3/2018, p. 18.

¹⁴ Ara 'Experimental evidence of massive-scale emotional contagion through social networks', Adam D. I. Kramer, Jamie E. Guillory, u Jeffrey T. Hancock, PNAS, is-17 ta' Ġunju 2014, 111 (24) 8788-8790; ippubblikat għall-ewwel darba fit-2 ta' Ġunju 2014 <https://doi.org/10.1073/pnas.1320040111>, disponibbli fuq: <https://www.pnas.org/content/111/24/8788> Adam D. I. Kramer Core Data Science Team, Facebook, Inc., Menlo Park, CA 94025.

¹⁵ Ara wkoll id-Dikjarazzjoni 2/2019 tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar l-użu ta' *data* personali matul il-kampanji politiċi, it-13 ta' Marzu 2019, p. 1.

interessi u l-valuri partikolari tal-udjenza fil-mira.¹⁶ Tali mmirar jista' saħansitra jinvolvi diżinformazzjoni jew messaġġi li l-individwi jsibu partikolarment skonvolġenti u, għalhekk, huma (aktar) probabbli li jstimolaw ċerta emozzjoni jew reazzjoni minnhom. Meta l-messaġġi polarizzanti jew mhux veritiera (diżinformazzjoni) ikunu mmirati lejn individwi speċifiċi, mingħajr ebda kuntestwalizzazzjoni jew esponiment, jew b'kuntestwalizzazzjoni jew esponiment limitati, għal perspettivi oħrajn, l-użu ta' mekkaniżmi ta' mmirar jista' jkollu l-effett li jdgħajjef il-proċess elettorali demokratiku.¹⁷

14. Bl-istess mod, l-użu ta' algoritmi biex jiġi ddeterminat liema informazzjoni tintwera lil liema individwi jista' jaffettwa b'mod negattiv il-probabbiltà ta' aċċess għal sorsi diversifikati ta' informazzjoni b'rabta ma' suġġett partikolari. Min-naħa tiegħu, dan jista' jkollu konsegwenzi negattivi għall-pluraliżmu tad-dibattitu pubbliku u għall-aċċess għall-informazzjoni.¹⁸ Il-mekkaniżmi ta' mmirar jistgħu jintużaw biex tiżdied il-viżibbiltà ta' ċerti messaġġi, filwaqt li tingħata inqas prominenza lil oħrajn. L-impatt negattiv potenzjali jista' jinħass f'żewġ livelli. Minn naħa waħda, hemm riskji relatati mal-hekk imsejja "b'ziezaq ta' filtri" fejn in-nies ikunu esposti għal "aktar mill-istess" informazzjoni u jiltaqgħu ma' inqas opinjonijiet, li jirriżultaw f'żieda fil-polarizzazzjoni politika u ideoloġika.¹⁹ Min-naħa l-oħra, il-mekkaniżmi ta' mmirar jistgħu joħolqu wkoll riskji ta' "informazzjoni eċċessiva", fejn l-individwi ma jkunux jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata minħabba li jkollhom wisq informazzjoni u ma jkunux jistgħu jgħidu jekk hijiex affidabbli.
15. Il-ġbir ta' *data* personali mill-fornituri tal-midja soċjali jista' ma jkunx limitat għall-attivitajiet imwettqa minn individwi fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali nnifisha. L-immirar tal-utenti tal-midja soċjali abbażi ta' informazzjoni dwar l-imġiba tal-ibbrawżjar tagħhom jew attivitajiet oħrajn barra mill-pjattaforma tal-midja soċjali jista' jagħti lill-individwi s-sentiment li l-imġiba tagħhom qed tiġi mmonitorjata sistematikament. Dan jista' jkollu effett dissważiv fuq il-libertà tal-espressjoni, inkluż l-aċċess għall-informazzjoni.²⁰ Tali effetti jistgħu jiġu aggravati jekk l-immirar ikun ibbażat ukoll fuq l-analiżi tal-kontenut kondiviż mill-utenti tal-midja soċjali. Jekk il-messaġġi privati, il-posts u l-kummenti jkun soġġetti għal analiżi għall-użu kummerċjali jew politiku, dan jista' jwassal ukoll għal awtoċensura.
16. L-impatt negattiv potenzjali tal-immirar jista' jkun konsiderevolment akbar fejn ikunu kkonċernati kategoriji vulnerabbli ta' individwi, bħat-tfal. L-immirar jista' jinfluwenza t-tfassil tal-preferenzi u l-interessi personali tat-tfal, u fl-aħħar mill-aħħar jaffettwa l-awtonomija tagħhom u d-dritt tagħhom għall-iżvilupp. Il-premessa 38 tal-GDPR tindika li għandha tapplika protezzjoni speċifika għall-użu ta' *data* personali tat-tfal għall-finijiet tal-kummerċjalizzazzjoni jew tal-ħolqien ta' personalità jew profili

¹⁶ L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Infurmazzjoni (ICO), *Democracy disrupted? Personal information and political influence (Id-Demokrazija mfixkta? Informazzjoni personali u influwenza politika)*, l-10 ta' Lulju 2018, p. 14.

¹⁷ Ara wkoll il-Kummissjoni Ewropea, Gwida tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-kuntest elettorali, Kontribut mill-Kummissjoni Ewropea għal-laqqgħa tal-Mexxejja f'Salzburg li saret bejn id-19 u l-20 ta' Settembru 2018. Ara wkoll L.M. Neudert u N.M. Marchal, *Polarisation and the use of technology in political campaigns and communication*, is-Servizz Ewropew ta' Riċerka Parlamentari, 2019, p. 22-24.

¹⁸ Ara wkoll ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Mejju 2018 dwar il-pluraliżmu tal-midja u l-libertà tal-midja fl-Unjoni Ewropea.

¹⁹ Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, Opinjoni 3/2018, p. 7.

²⁰ Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, l-Opinjoni 3/2018, p. 9 u l-Kumitat ta' esperti dwar il-pluraliżmu tal-midja u t-trasparenza tas-sjieda tal-midja (MSI-MED), l-Internet u l-Kampanji Elettorali, Studju dwar l-użu tal-internet f'kampanji elettorali, Studju tal-Kunsill tal-Ewropa DGI(2017), il-11 ta' April 2018, p. 19-21.

tal-utenti u l-ġbir ta' *data* personali fir-rigward tat-tfal meta jintużaw servizzi offruti direttament lil tifel jew tifla.²¹

17. L-użu tal-midja soċjali fl-UE huwa mifruż, billi 54 % tal-persuni fl-età ta' bejn is-16 u l-74 sena pparteċipaw f'networks soċjali fl-2019. Barra minn hekk, din ir-rata ta' parteċipazzjoni żdiedet b'mod kostanti matul is-snin.²² L-EDPB jirrikonoxxi li ż-żieda fil-konċentrazzjoni fis-swieq tal-midja soċjali u l-immirar jistgħu jżidu wkoll ir-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet ta' għadd sostanzjali ta' individwi. Pereżempju, ċerti fornituri tal-midja soċjali jistgħu jkunu kapaċi jikkombinaw, weħidhom jew b'konnessjoni ma' kumpaniji oħrajn, kwantità u diversità oġhla ta' *data* personali. Min-naħa tagħha, din il-kapaċità tista' żżid il-kapaċità li jiġu offruti kampanji ta' mmirar aktar avvanzati. Dan l-aspett huwa rilevanti kemm minn lat ta' protezzjoni tad-*data* (tfassil ta' profili aktar fil-fond tal-persuni kkonċernati), kif ukoll minn lat tal-liġi dwar il-kompetizzjoni (il-kapaċitajiet ta' għarfien uniċi pprovduti mill-pjattaforma jistgħu jagħmluh "*sieħeb kummerċjali inevitabli*" għall-kummerċjanti online). Kif irrikonoxxa l-EDPB, il-grad ta' saħħa fis-suq u tal-informazzjoni, min-naħa tiegħu, "*għandu l-potenzjal li jhedded il-livell ta' protezzjoni tad-*data* u l-libertà li jgawdu l-konsumaturi tas-servizzi diġitali*".²³
18. Il-probabbiltà u s-severità tar-riskji msemmija hawn fuq se jiddependu, fost l-oħrajn, fuq in-natura tal-mekkaniżmu tal-immirar u kif u għal liema skop(ijiet) eżatt(i) jintuża. L-elementi li jistgħu jaffettwaw il-probabbiltà u s-severità tar-riskji fil-kuntest tal-immirar tal-utenti tal-midja soċjali se jiġu diskussi f'aktar dettall fit-taqsimha 7.

4 ATTURI U RWOLI

4.1 Utenti

19. L-individwi jagħmlu użu mill-midja soċjali f'kapaċitajiet differenti u għal finijiet differenti (eż. biex jibqgħu f'kontatt mal-ħbieb, biex jiskambjaw informazzjoni dwar interessi kondiviżi, jew biex ifittxu opportunitajiet ta' impjieg). It-terminu "utent" tipikament jintuża biex jirreferi għal individwi li huma rreġistrati mas-servizz (jiġifieri dawk li għandhom "kont" jew "profil"). Madankollu, ħafna servizzi tal-midja soċjali jistgħu jiġu aċċessati wkoll minn individwi mingħajr ma jkunu rreġistraw (jiġifieri mingħajr ma jkunu ħolqu kont jew profil).²⁴ Tali individwi tipikament ma jkunux jistgħu jagħmlu użu mill-istess karatteristiċi jew servizzi kollha offruti lil individwi li jkunu rreġistraw mal-fornitur tal-midja soċjali. Kemm l-individwi li huma kif ukoll dawk li mhumiex irreġistrati mal-fornituri tal-midja soċjali jistgħu jitqiesu bħala "suġġetti tad-*data*" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tal-GDPR, sa fejn l-individwu jiġi identifikat jew ikun identifikabbli direttament jew indirettament.²⁵
20. Jekk l-individwi jkunux mistennija jirreġistraw b'isem reali jew le jew jużaw laqam jew psewdonimu jista' jvarja skont is-servizz tal-midja soċjali inkwistjoni. Madankollu, b'mod ġenerali se jkun għadu possibbli li jiġi mmirat (jew inkella identifikat) l-utent inkwistjoni, anki fin-nuqqas ta' politika dwar l-

²¹ Ara wkoll il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, is-6 ta' Frar 2018, WP251rev.01, p. 29.

²² <https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-eurostat-news/-/edn-20200630-2>

²³ Dikjarazzjoni tal-BEPD dwar ir-riperkussjonijiet tal-konċentrazzjoni ekonomika fuq il-protezzjoni tad-*data*, disponibbli fuq:

https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_statement_economic_concentration_mt.pdf

²⁴ Id-*data* personali u l-informazzjoni dwar it-tfassil ta' profili miżmuma mill-fornituri tal-midja soċjali b'rabta ma' individwi li mhumiex irreġistrati ma' fornituri tal-midja soċjali xi drabi ssir referenza għalihom bħala "shadow profiles".

²⁵ Ara wkoll il-premessa (26) ("singling out"). Ara wkoll l-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, l-Opinjoni 4/2007 dwar il-kunċett ta' *data* personali, l-20 ta' Ġunju 2007, WP 136, p. 12 u s-segwenti.

ismijiet reali, billi l-biċċa l-kbira tat-tipi ta' mmirar ma jiddependux fuq l-ismijiet tal-utenti, iżda fuq tipi oħrajn ta' *data* personali, bħall-interessi, id-*data* soċjografika, l-imġiba jew identifikaturi oħrajn. Il-fornituri tal-midja soċjali spiss iħeġġu lill-utenti tagħhom jiddivulgaw *data* "fid-dinja reali", bħal numri tat-telefon.²⁶ Fl-aħħar nett, ta' min jinnotta li l-fornituri tal-midja soċjali jistgħu jippermettu wkoll l-immirar ta' individwi li ma għandhomx kont mal-fornitur tal-midja soċjali.²⁷

4.2 Fornituri tal-midja soċjali

21. Il-fornituri tal-midja soċjali joffru servizz online li jippermetti l-iżvilupp ta' networks u komunitajiet ta' utenti, li fosthom jiġu kondiviżi l-informazzjoni u l-kontenut. Is-servizzi tal-midja soċjali tipikament jiġu offruti permezz ta' brawżers tal-web jew applikazzjonijiet iddedikati, ħafna drabi wara li l-utent ikun intalab jipprovdni sett ta' *data* personali biex jikkostitwixxi l-"kont" jew il-"profil" tal-utent. Huma spiss joffru wkoll lill-utenti "kontrolli" tal-kontijiet assoċjati biex ikunu jistgħu jaċċessaw u jikkontrollaw id-*data* personali pproċessata fil-kuntest tal-użu tal-kont tagħhom.
22. Il-fornitur tal-midja soċjali jiddetermina l-funzjonalitajiet tas-servizz. Min-naħa tiegħu, dan jinvolti determinazzjoni ta' liema *data* tiġi pproċessata, għal liema skop, taħt liema termini, kif ukoll kif għandha tiġi pproċessata d-*data* personali. Dan jippermetti l-forniment tas-servizz tal-midja soċjali, iżda x'aktarx ukoll il-forniment ta' servizzi, bħall-immirar, li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għas-sħab kummerċjali li joperaw fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali jew flimkien magħha.
23. Il-fornitur tal-midja soċjali għandu l-opportunità li jiġbor ammonti kbar ta' *data* personali relatata mal-imġiba u l-interazzjonijiet tal-utenti u tal-individwi li mhumiex irreġistrati mal-fornituri tal-midja soċjali, li tippermettilu jikseb għarfien konsiderevoli dwar il-karatteristiċi soċjodemografiċi, l-interessi u l-preferenzi tal-utenti. Huwa importanti li jiġi nnotat li l-"għarfien" ibbażat fuq l-attività tal-utenti spiss jinvolti *data* personali inferita jew derivata. Pereżempju, fejn utent jinteraġixxi ma' ċertu kontenut (eż. billi jagħmel 'like' għal post fuq il-midja soċjali, jew jara kontenut ta' vidjo), din l-azzjoni tista' tiġi rreġistrata mill-fornitur tal-midja soċjali, u tista' ssir inferenza li l-utent inkwistjoni ħa gost bil-kontenut li interaġixxa miegħu.
24. Il-fornituri tal-midja soċjali qegħdin jiġbru dejjem aktar id-*data* mhux biss minn attivitajiet fuq il-pjattaforma nnifisha, iżda wkoll minn attivitajiet imwettqa "barra l-pjattaforma", billi jikkombinaw id-*data* minn sorsi multipli, online u offline, sabiex jiġġeneraw aktar għarfien. Id-*data* tista' tiġi kkombinata ma' *data* personali li l-individwi jiddivulgaw b'mod attiv lill-fornitur tal-midja soċjali (eż. isem tal-utent, indirizz tal-posta elettronika, post u numru tat-telefon), flimkien ma' *data* li tiġi "assenjata" lillhom mill-pjattaforma (bħal identifikaturi uniċi).

4.3 Persuni responsabbli mill-immirar

25. Dawn il-linji gwida jużaw it-terminu "persuna responsabbli mill-immirar" biex jindikaw il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jużaw servizzi tal-midja soċjali sabiex jidderieġu messaġġi speċifiċi lejn sett ta' utenti tal-midja soċjali abbażi ta' parametri jew kriterji speċifiċi.²⁸ Dak li jiddistingwi lill-persuni responsabbli mill-

²⁶ F'xi każijiet, il-fornituri tal-midja soċjali jitolbu dokumentazzjoni addizzjonali biex jivverifikaw aktar id-*data* pprovduta, pereżempju, billi jitolbu lill-utenti jtellgħu l-karti tal-identità tagħhom jew dokumentazzjoni simili.

²⁷ Tali mmirar jista' jsir possibbli abbażi ta' identifikaturi online pprovduti mill-apparati, l-applikazzjonijiet, l-għodod u l-protokoll tagħhom, bħall-indirizzi tal-protokoll tal-internet, l-identifikaturi tal-cookies jew identifikaturi oħrajn. Dan jista' jħalli traċċi li, b'mod partikolari meta kkombinati ma' identifikaturi uniċi u informazzjoni oħra li jirċievu s-servers, jistgħu jintużaw biex joħolqu profili tal-persuni fiżiċi u jidentifikawhom. Ara wkoll il-premessa (30) tal-GDPR. Abbażi ta' dan ir-rikonnoxximent, jistgħu jintwerew reklami mmirati fuq sit web li jżur l-individwu.

²⁸ L-ipproċessar ta' *data* personali minn persuna fiżika matul attività purament personali jew domestika ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-GDPR (l-Art. 2(2)(c)).

immirar minn utenti oħrajn tal-midja soċjali huwa li huma jagħżlu l-messaġġi tagħhom u/jew l-udjenza maħsuba tagħhom skont il-karatteristiċi, l-interessi jew il-preferenzi perċepiti tal-individwi kkonċernati, prattika li xi drabi tissejjaħ “immirar mikro”.²⁹ Il-persuni responsabbli mill-immirar jistgħu jinvolvu ruħhom f’immirar biex imexxu l-quddiem interessi kummerċjali, politiċi jew oħrajn. Eżempji tipiċi jinkludu marki li jużaw il-midja soċjali biex jirreklamaw il-prodotti tagħhom, inkluż biex iżidu l-għarfien dwar il-marka. Il-partiti politiċi qed jagħmlu wkoll użu dejjem akbar mill-midja soċjali bħala parti mill-istrateġija tal-kampanji tagħhom. L-organizzazzjonijiet tal-karità u organizzazzjonijiet oħrajn mingħajr skop ta’ qligħ jużaw ukoll il-midja soċjali biex jimmiraw il-messaġġi lejn kontributori potenzjali jew biex jiżviluppaw komunitajiet.

26. Huwa importanti li jiġi nnotat li l-utenti tal-midja soċjali jistgħu jiġu mmirati b’modi differenti. Pereżempju, l-immirar jista’ jseħħ mhux biss permezz tal-wiri ta’ reklamar personalizzat (eż. permezz ta’ “strixxun” muri fuq in-naħa ta’ fuq jew fil-ġenb ta’ paġna web), iżda - sa fejn ikun qed iseħħ fi ħdan il-pjattaforma tal-midja soċjali - ukoll permezz tal-wiri f’“feed”, ‘timeline’ jew ‘story’ tal-utent, fejn il-kontenut tar-reklamar jidher flimkien ma’ kontenut iġġenerat mill-utent. L-immirar jista’ jinvolvi wkoll il-ħolqien ta’ kontenut ospitat mill-fornitur tal-midja soċjali (eż. permezz ta’ “paġna” ddedikata jew preżenza oħra fuq il-midja soċjali) jew xi mkien ieħor (jiġifieri fuq siti web ta’ partijiet terzi). Il-persuni responsabbli mill-immirar jista’ jkollhom is-siti web u l-applikazzjonijiet tagħhom stess, fejn ikunu jistgħu jintegraw għodod jew karatteristiċi kummerċjali speċifiċi tal-midja soċjali, bħal plugins jew logins soċjali jew billi jużaw l-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs) jew kits għall-iżvilupp tas-software (SDKs) offruti mill-fornituri tal-midja soċjali.

4.4 Atturi rilevanti oħrajn

27. Il-persuni responsabbli mill-immirar jistgħu jużaw direttament mekkaniżmi ta’ mmirar offruti mill-fornituri tal-midja soċjali jew jelenkaw is-servizzi ta’ atturi oħrajn, bħal fornituri ta’ servizzi ta’ kummerċjalizzazzjoni, networks ta’ reklami, skambji ta’ reklami, pjattaformi min-naħa tad-domanda u min-naħa tal-provvista, fornituri tal-ġestjoni tad-*data* (DMPs) u kumpaniji tal-analitika tad-*data*. Dawn l-atturi huma parti mill-ekosistema kumplessa u li qed tevolve ta’ reklamar online (li xi drabi hija magħrufa bħala ‘adtech’) li tiġbor u tipproċessa d-*data* relatata mal-individwi (inklużi l-utenti tal-midja soċjali) billi, pereżempju, tintraċċa l-attivitajiet tagħhom fuq is-siti web u l-applikazzjonijiet.³⁰
28. Is-sensara tad-*data* u l-fornituri tal-ġestjoni tad-*data* huma wkoll atturi rilevanti li għandhom rwol importanti fl-immirar tal-utenti tal-midja soċjali. Is-sensara tad-*data* u d-DMPs jiddistingwu ruħhom minn kumpaniji oħrajn tal-adtech sal-punt li mhux biss jipproċessaw id-*data* miġbura permezz ta’ teknoloġiji ta’ traċċar, iżda wkoll permezz tad-*data* miġbura minn sorsi oħrajn, li jistgħu jinkludu sorsi kemm online kif ukoll offline. Fi kliem ieħor, is-sensara tad-*data* u d-DMPs jaggregaw id-*data* miġbura minn varjetà wiesgħa ta’ sorsi, li mbagħad jistgħu jbiegħu lil partijiet ikkonċernati oħrajn involuti fil-proċess tal-immirar.³¹
29. Filwaqt li kull wieħed mill-atturi l-oħrajn imsemmija hawn fuq jista’ jkollu rwol importanti fl-immirar tal-utenti tal-midja soċjali, l-enfasi tal-linji gwida attwali hija fuq id-distribuzzjoni tar-rwoli u tal-obbligi tal-protezzjoni tad-*data* tal-fornituri tal-midja soċjali u tal-persuni responsabbli mill-immirar.

²⁹ Is-sempliċi kondivizzjoni ta’ informazzjoni fuq paġna tal-midja soċjali li hija maħsuba għall-pubbliku ġenerali (eż. informazzjoni dwar il-ħinijiet tal-ftuħ) mingħajr ma tintgħażel minn qabel l-udjenza maħsuba ma titqiesx bħala «mmirar» għall-finijiet ta’ dawn il-linji gwida.

³⁰ Dwar id-deskrizzjoni tal-atturi differenti, ara WP29, l-Opinjoni 2/2010 dwar ir-reklamar ibbażat fuq l-imġiba, fil-paġna 5. L-Opinjoni hija disponibbli fuq:

https://ec.europa.eu/justice/Article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2010/wp171_mt.pdf

³¹ Ara ċ-Ċentru ta’ Riċerka dwar il-Politika tal-Konsumatur, “A day in the life of data”, disponibbli fuq:

<http://cprc.org.au/publication/research-report-a-day-in-the-life-of-data/>

Madankollu, jistgħu japplikaw kunsiderazzjonijiet analogi għall-atturi l-oħrajn involuti fl-ekosistema tar-reklamar online, skont ir-rwol ta' kull attur fil-proċess tal-immirar.

4.5 Rwoli u responsabbiltajiet

30. Sabiex jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-fornituri tal-midja soċjali u tal-persuni responsabbli mill-immirar, huwa importanti li titqies il-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE. Is-Sentenzi f' *Wirtschaftsakademie* (C-210/16), *Jehovah's Witnesses* (C-25/17) u *Fashion ID* (C-40/17) huma partikolarment rilevanti hawnhekk.
31. Il-punt tat-tluq tal-analiżi huwa d-definizzjoni legali tal-kontrollur. Skont l-Artikolu 4(7) tal-GDPR, *“kontrollur”* ifisser *“il-persuna fiżika jew ġuridika [...] li, weħida jew flimkien ma' oħrajn, tiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali”*.
32. F' *Wirtschaftsakademie*, il-QĠUE ddeċidiet li l-amministratur tal-hekk imsejħa “paġna tal-fans” fuq Facebook irid jitqies bħala li qed jieħu sehem fid-determinazzjoni tal-finijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar ta' *data* personali. Skont is-sottomissjonijiet magħmula lill-QĠUE, il-ħolqien ta' paġna tal-fans jinvolvi d-definizzjoni ta' *parametri* mill-amministratur, li għandu *influenza* fuq l-ipproċessar ta' *data* personali għall-fini tal-*produzzjoni ta' statistika* bbażata fuq iż-żjarat fil-paġna tal-fans.³² Bl-użu tal-filtri pprovduti minn Facebook, l-amministratur jista' jiddefinixxi l-kriterji li f'konformità magħhom għandha titfassal l-istatistika, u saħansitra jinnomina l-kategoriji ta' persuni li d-*data* personali tagħhom għandha tintuża minn Facebook:

“B'mod partikolari, l-amministratur tal-paġna tal-fans jista' jitlob li jakkwista – u b'hekk li jipproċessa – data demografika li tikkonċerna lill-udjenza fil-mira tiegħu, partikolarment it-tendenzi fir-rigward tal-età, tas-sess, tas-sitwazzjoni ta' mħabba tagħhom u tal-professjoni, tal-informazzjoni fuq l-istil tal-ħajja tagħhom u tal-interessi prinċipali tal-udjenza fil-mira tiegħu kif ukoll informazzjoni dwar ix-xiri online u l-aġir fir-rigward tax-xiri online ta' min jaċċessa l-paġna, il-kategoriji ta' prodotti jew ta' servizzi li jinteressawhom l-iktar, kif ukoll data ġeografika li tippermetti lill-amministratur tal-paġna tal-fans sabiex isir jaffejn għandu jwettaq promozzjonijiet speċjali u jorganizza xi avvenimenti u, b'mod aktar ġenerali, sabiex jimmira bl-aħjar mod l-offerta ta' informazzjoni tiegħu.”

33. Billi d-definizzjoni tal-parametri tiddependi, fost l-oħrajn, fuq l-udjenza fil-mira tal-amministratur “u l-objettivi tal-ġestjoni u l-promozzjoni tal-attivitajiet tiegħu”, l-amministratur jipparteċipa wkoll fid-determinazzjoni tal-finijiet tal-ipproċessar ta' *data* personali. ³³ Għalhekk, l-amministratur ġie kkategorizzat bħala kontrollur responsabbli b'mod konġunt għall-ipproċessar ta' *data* personali tal-viżitaturi tal-“paġna” tiegħu, flimkien mal-fornitur tal-midja soċjali.
34. Kif żviluppat aktar fit-taqsimha 9 ta' dawn il-linji gwida, il-kontrolluri jistgħu jkunu involuti fi stadji differenti tal-ipproċessar ta' *data* personali u fi gradi differenti. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-livell ta' responsabbiltà ta' kull wieħed minnhom irid jiġi vvalutat fir-rigward taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ partikolari:

“[L]-eżistenza ta' responsabbiltà konġunta mhux bilfors tfisser responsabbiltà ekwivalenti għall-operaturi differenti kkonċernati fl-ipproċessar ta' data personali. Għall-kuntrarju, dawn l-operaturi jistgħu jkunu involuti fi stadji differenti ta' dan l-ipproċessar u bi gradi differenti, b'tali mod li l-livell

³² Is-Sentenza f' *Wirtschaftsakademie*, C-210/16, il-paragrafu 36.

³³ Is-Sentenza f' *Wirtschaftsakademie*, C-210/16, il-paragrafu 39.

ta' responsabbiltà ta' kull wieħed minnhom għandu jiġi evalwat billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti tal-każ.”³⁴

35. Filwaqt li kkonkludiet li l-amministratur ta' paġna jaġixxi bħala kontrollur, flimkien ma' Facebook, il-QĠUE nnotat ukoll li, f'dan il-każ, Facebook irid jitqies bħala li *primarjament* jiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-*data* personali tal-utenti ta' Facebook u ta' persuni li jżuru l-paġni tal-fans ospitati fuq Facebook.³⁵
36. F'*Fashion ID*, il-QĠUE ddeċidiet li operatur ta' sit web jista' jitqies bħala kontrollur meta huwa jinkorpora plugin soċjali ta' Facebook fuq is-sit web tiegħu li jwassal biex il-brawżer ta' viżitatur jittrażmetti d-*data* personali tal-viżitatur lil Facebook.³⁶ Madankollu, il-kwalifika tal-operatur tas-sit web bħala kontrollur hija limitata għall-operazzjoni jew għas-sett ta' operazzjonijiet li fir-rigward tagħhom effettivament jiddetermina l-finijiet u l-mezzi. F'dan il-każ partikolari, il-QĠUE qieset li l-operatur tas-sit web jkun kapaċi jiddetermina biss, flimkien ma' Facebook, il-finijiet u l-mezzi tal-ġbir u d-divulgazzjoni permezz tat-trażmissjoni tad-*data* personali tal-viżitaturi fis-sit web tiegħu. B'riżultat ta' dan, il-QĠUE ddeċidiet li, għal dak li jikkonċerna l-inkorporazzjoni ta' plug-in soċjali f'sit web, ir-responsabbiltà tal-operatur tas-sit web hija:

*“limitata għall-operazzjoni jew għall-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar tad-*data* ta' natura personali li tagħha huwa jiddetermina effettivament il-finijiet u l-mezzi, jiġifieri l-ġbir u l-komunikazzjoni permezz ta' trażmissjoni tad-*data* inkwistjoni.”³⁷*

37. Il-QĠUE qieset li l-operatur tas-sit web ma kienx kontrollur għal operazzjonijiet sussegwenti³⁸ li jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali mwettqa minn Facebook wara t-trażmissjoni tagħhom lil dan tal-aħħar, billi l-operatur tas-sit web ma kienx f'pożizzjoni li jiddetermina l-finijiet u l-mezzi ta' dawk l-operazzjonijiet bis-saħħa tal-inkorporazzjoni tal-plug-in soċjali:

*“Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-imsemmija informazzjoni, jidher, qabel kollox, eskluż li Fashion ID tiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' *data* ta' natura personali ulterjuri mwettqa minn Facebook Ireland wara t-trażmissjoni tagħha lil din tal-aħħar, fejn għalhekk Fashion ID ma tistax titqies bħala kontrollur ta' dawn l-operazzjonijiet [...]”³⁹*

38. Fil-każ ta' kontroll konġunt, skont l-Artikolu 26(1) tal-GDPR, il-kontrolluri huma meħtieġa jstabbilixxu arranġament li, b'mod trasparenti, jiddetermina r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-

³⁴ Is-Sentenza f'*Wirtschaftsakademie*, C-210/16, il-paragrafu 43; Is-Sentenza f'*Jehovah's Witnesses*, C-25/17, il-paragrafu 66 u s-Sentenza f'*Fashion ID*, C-40/17, il-paragrafu 70.

³⁵ Is-Sentenza f'*Wirtschaftsakademie*, C-210/16, il-paragrafu 30.

³⁶ Is-Sentenza f'*Fashion ID*, C-40/17, il-paragrafu 75 u s-segweni u l-paragrafu 107.

³⁷ Is-Sentenza f'*Fashion ID*, C-40/17, il-paragrafu 107.

³⁸ L-ipproċessar sussegwenti huwa kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar jew sett ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li jsegwu (jiġifieri li jseħħu wara) il-ġbir tad-*data*. F'*Fashion ID*, it-terminu jintuża biex jirreferi għal operazzjonijiet ta' pproċessar imwettqa minn Facebook wara t-trażmissjoni tagħhom u li għalihom Fashion ID ma għandhiex titqies bħala kontrollur konġunt (minħabba li ma tipparteċipax b'mod effettiv fid-determinazzjoni tal-finijiet u tal-mezzi ta' dak l-ipproċessar).

L-ipproċessar sussegwenti għal fini għajr dak li għalih tkun inġabret id-*data* personali huwa permissibbli biss sa fejn ikun hemm konformità mal-Artikolu 6(4) tal-GDPR relatat ma' pproċessar ulterjuri. Pereżempju, jekk bejjiegħ bl-imnut online jiġbor *data* relatata mal-indirizz tad-dar ta' individwu, ipproċessar sussegwenti jkun jikkonsisti fil-ħżin jew fit-ħassir aktar tard ta' din l-informazzjoni. Madankollu, jekk dan il-bejjiegħ bl-imnut online aktar tard jiddeċiedi li jipproċessa din id-*data* personali biex jarrikkixxi l-profil tas-suġġett tad-*data* għall-finijiet ta' mmirar, dan jammonta għal ipproċessar ulterjuri skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) tal-GDPR minħabba li jinvolvi l-ipproċessar għal fini ieħor għajr dak li għalih tkun inġabret inizjalment.

³⁹ Is-Sentenza f'*Fashion ID*, C-40/17, il-paragrafu 76.

konformità mal-GDPR, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u d-dmirijiet rispettivi tiegħu li jipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13 u 14 tal-GDPR.

39. It-taqsimiet li ġejjin jiċċaraw, permezz ta' eżempji speċifiċi, ir-rwoli tal-persuni responsabbli mill-immirar u tal-fornituri tal-midja soċjali b'rabta ma' mekkaniżmi ta' mmirar differenti. Jingħataw kunsiderazzjonijiet speċifiċi b'mod partikolari għal kif ir-rekwiżiti tal-legalità u l-limitazzjoni tal-iskop japplikaw f'dan il-kuntest. Sussegwentement, jiġu analizzati r-rekwiżiti dwar it-trasparenza, il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* u l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*. Fl-aħħar nett, il-Linji Gwida jindirizzaw l-obbligu għall-kontrolluri konġunti li jstabbilixxu arranġament xieraq skont l-Artikolu 26 tal-GDPR, filwaqt li jqisu l-grad ta' responsabbiltà tal-persuna responsabbli mill-immirar u tal-fornitur tal-midja soċjali.

5 ANALIŻI TAL-MEKKANIŻMI TA' MMIRAR DIFFERENTI

5.1 Ħarsa ġenerali

40. L-utenti tal-midja soċjali jistgħu jkunu mmirati abbażi tad-*data* pprovduta, osservata jew inferita, kif ukoll kombinazzjoni tagħhom:

- a) **Immimir tal-individwi abbażi tad-*data* pprovduta** – “*Data* pprovduta” tirreferi għal informazzjoni pprovduta b'mod attiv mis-suġġett tad-*data* lill-fornitur tal-midja soċjali u/jew lill-persuna responsabbli mill-immirar.⁴⁰ Pereżempju:

-)] Utent tal-midja soċjali jista' jindika l-età tiegħu fid-deskrizzjoni tal-profil tal-utent tiegħu. Min-naħa tiegħu, il-fornitur tal-midja soċjali jista' jippermetti l-immirar abbażi ta' dan il-kriterju.
-)] Persuna responsabbli mill-immirar tista' tuża l-informazzjoni pprovduta mis-suġġett tad-*data* lill-persuna responsabbli mill-immirar sabiex timmira għal dak l-individwu speċifikament, pereżempju, permezz ta' *data* tal-kljenti (bħal lista ta' indirizzi tal-posta elettronika), li għandha titqabbel mad-*data* diġà miżmuma fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali, li twassal biex daww l-utenti kollha li jaqblu jkunu mmirati bir-reklamar⁴¹.

- b) **Immimir abbażi tad-*data* osservata** – L-immirar tal-utenti tal-midja soċjali jista' jseħħ ukoll abbażi tad-*data* osservata.⁴² Id-*data* osservata hija *data* pprovduta mis-suġġett tad-*data* bis-saħħa tal-użu ta' servizz jew apparat.⁴³ Pereżempju, utent tal-midja soċjali partikolari jista' jkun immirat abbażi ta':

-)] L-attività tiegħu fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali nnifisha (pereżempju, il-kontenut li l-utent ikun ikkondivida, ikkonsulta jew għamel 'like' għalih);

⁴⁰ Il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* dwar id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*, WP 242 rev.01, il-5 ta' April 2017, p. 10.

⁴¹ Ara, pereżempju, id-deċiżjoni mill-Qorti Amministrattiva Superjuri tal-Bavarja (il-Ġermanja), Beschluss v.26.09.2018 – 5 CS 18.1157, www.gesetze-bayern.de/Content/Document/Y-300-Z-BECKRS-B-2018-N-25018.

⁴² Fl-Opinjoni 2/2010 tiegħu dwar ir-reklamar online bbażat fuq l-imġiba, id-WP29 innota li “*hemm żewġ approċċi ewlenin għall-bini tal-profil tal-utenti: i) Il-profil predittivi jiġu stabbiliti b'inferenza mill-osservazzjoni tal-imġiba individwali u kollettiva tal-utent matul iż-żmien, b'mod partikolari permezz ta' monitoraġġ tal-paġni miżjura u tar-reklami li l-utent ikun ra jew ikklikkja fuqhom. ii) Il-profil espliċiti jinħolqu minn data personali li s-suġġetti tad-*data* nfushom jipprovdu lil servizz tal-web, bħal billi jirreġistraw*” (l-Opinjoni 2/2010 tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* dwar ir-reklamar online bbażat fuq l-imġiba, WP 171, p. 7).

⁴³ Il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* dwar id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*, WP 242 rev.01, il-5 ta' April 2017, p. 10.

- J) l-użu ta' apparati li fuqhom tiġi eżegwita l-applikazzjoni tal-midja soċjali (pereżempju, koordinati tal-GPS, numru tat-telefon mobbli);
 - J) id-*data* miksuba minn żviluppatur ta' applikazzjoni ta' parti terza bl-użu tal-interfaċċi għall-iprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs) jew tal-kits għall-iżvilupp tas-software (SDKs) offruti mill-fornituri tal-midja soċjali;
 - J) id-*data* miġbura permezz ta' siti web ta' partijiet terzi li jkunu inkorporaw plug-ins soċjali jew pixels;
 - J) id-*data* miġbura permezz ta' partijiet terzi oħra (eż. partijiet li magħhom is-suġġett tad-*data* jkun interaġixxa, xtara prodott, abbona għal kards ta' lealtà); jew
 - J) id-*data* miġbura permezz ta' servizzi offruti minn kumpaniji li huma proprjetà tal-fornitur tal-midja soċjali jew li huma operati minnu.
- c) **Immirar abbażi ta' *data* inferita** – "*Data* inferita" jew "*data* derivata" tinħoloq mill-kontrollur tad-*data* abbażi tad-*data* pprovduta mis-suġġett tad-*data* jew kif osservata mill-kontrollur.⁴⁴ Pereżempju, fornitur tal-midja soċjali jew persuna responsabbli mill-immirar jistgħu jinferixxu li individwu x'aktarx ikun interessat f'ċerta attività jew prodott abbażi tal-imgħiba tal-ibbrawżjar fuq l-internet tiegħu u/jew tal-konnessjonijiet tan-network.

5.2 Immirar abbażi tad-*data* pprovduta

5.2.1 *Data* pprovduta mill-utent lill-fornitur tal-midja soċjali

41. L-individwi jistgħu jiddivulgaw b'mod attiv ħafna informazzjoni dwarhom infushom meta jagħmlu użu mill-midja soċjali. Il-ħolqien ta' kont (jew "profil") tal-midja soċjali jinvolvi d-divulgazzjoni ta' għadd ta' attributi, li jistgħu jinkludu l-isem, id-*data* tat-twelid, il-ġeneru, il-post ta' residenza, il-lingwa, eċċ. Skont in-natura tal-pjattaforma tal-midja soċjali, l-utenti jistgħu jinkludu informazzjoni addizzjonali bħall-istatus tar-relazzjoni, l-interessi jew l-impjieg attwali. Id-*data* personali pprovduta mill-utenti tal-midja soċjali tista' tintuża mill-fornitur tal-midja soċjali biex jiżviluppa kriterji li jippermettu lill-persuna responsabbli mill-immirar tindirizza messaġġi speċifiċi lill-utenti tal-midja soċjali.

Eżempju 1:

Il-kumpanija X tbiegħ iż-żraben tal-irġiel u tixtieq tippromwovi bejgħ tal-kollezzjoni tax-xitwa tagħha. Għall-kampanja tar-reklamar tagħha, hija tixtieq timmira għall-irġiel fl-età ta' bejn it-30 u l-45 sena li indikaw li ma għandhomx sieħba/sieħeb fil-profil tal-midja soċjali tagħhom. Hija tuża l-kriterji ta' mmirar korrispondenti offruti mill-fornitur tal-midja soċjali bħala parametri biex tidentifika l-udjenza fil-mira li lilha għandu jintwera r-reklam. Barra minn hekk, il-persuna responsabbli mill-immirar tindika li r-reklam għandu jintwera lill-utenti tal-midja soċjali waqt li jkunu qed jużaw is-servizz tal-midja soċjali bejn il-5pm u t-8pm. Sabiex jippermetti l-immirar tal-utenti tal-midja soċjali abbażi ta' kriterji speċifiċi, il-fornitur tal-midja soċjali jkun iddetermina minn qabel liema tipi ta' *data* personali għandhom jintużaw sabiex jiġu żviluppanti l-kriterji ta' mmirar u liema kriterji ta' mmirar għandhom jiġu offruti. Il-fornitur tal-midja soċjali jikkomunika wkoll ċerta informazzjoni statistika ladarba r-reklam ikun intwera lill-persuna responsabbli mill-immirar (eż. biex jirrapporta dwar il-kompożizzjoni demografika tal-individwi li kellhom interazzjoni mar-reklam).

⁴⁴ *Idem*.

A. Rwali

42. Fl-Eżempju 1, kemm il-persuna responsabbli mill-immirar kif ukoll il-fornitur tal-midja soċjali jipparteċipaw fid-determinazzjoni tal-fini u tal-mezzi tal-ipproċessar tad-*data* personali. Dan jirriżulta fil-wiri tar-reklam lill-udjenza fil-mira.
43. Sa fejn hija kkonċernata d-determinazzjoni tal-*fini*, il-Kumpanija X u l-fornitur tal-midja soċjali jiddeterminaw b'mod konġunt il-fini tal-ipproċessar, li għandu juri reklam speċifiku lil sett ta' individwi (f'dan il-każ, l-utenti tal-midja soċjali) li jiffurmaw l-udjenza fil-mira, billi jagħżlu l-kriterji ta' mmirar disponibbli assoċjati ma' dawn l-utenti sabiex jilħqu udjenza interessata probabbli u jipprovduhom kontenut ta' reklamar aktar rilevanti. Barra minn hekk, hemm ukoll benefiċċju reċiproku li jirriżulta mill-istess operazzjoni ta' pproċessar, li huwa indikatur addizzjonali li l-finijiet segwiti mill-Kumpanija X partikolari u mill-fornitur tal-midja soċjali huma marbuta b'mod inseparabbli.⁴⁵
44. Sa fejn hija kkonċernata d-determinazzjoni tal-*mezzi*, il-persuna responsabbli mill-immirar u l-fornitur tal-midja soċjali jiddeterminaw b'mod konġunt il-mezzi, li jirriżultaw fl-immirar. Il-persuna responsabbli mill-immirar tipparteċipa fid-determinazzjoni tal-mezzi billi tagħżel li tuża s-servizzi offruti mill-fornitur tal-midja soċjali⁴⁶, u billi titolbu biex jimmira għal udjenza abbażi ta' ċerti kriterji (jiġifieri l-faxxa ta' età, l-istatus tar-relazzjoni, il-ħin tal-wiri).⁴⁷ Meta tagħmel dan, il-persuna responsabbli mill-immirar tiddefinixxi l-kriterji li f'konformità magħhom iseħħ l-immirar u tinnomina l-kategoriji ta' persuni li d-*data* personali tagħhom għandha tintuża. Min-naħa l-oħra, il-fornitur tal-midja soċjali ddeċieda li jipproċessa d-*data* personali tal-utenti tiegħu b'tali mod li jiżviluppa l-kriterji ta' mmirar, li huwa jagħmel disponibbli għall-persuna responsabbli mill-immirar.⁴⁸ Sabiex jagħmel dan, il-fornitur tal-midja soċjali jkun ħa ċerti deċiżjonijiet rigward il-mezzi essenzjali tal-ipproċessar, bħal liema kategoriji ta' *data* għandhom jiġu pproċessati, liema kriterji ta' mmirar għandhom jiġu offruti u min għandu jkollu aċċess (għal liema tipi ta') *data* personali li tiġi pproċessata fil-kuntest ta' kampanja ta' mmirar partikolari.⁴⁹
45. Għall-finijiet ta' kompletezza, l-EDPB jinnota li l-fornitur tal-midja soċjali ma jikkwalifikax bħala proċessur kif definit fl-Artikolu 4(8) tal-GDPR.⁵⁰ Fl-Eżempju 1, il-kriterji ta' mmirar, kif żviluppatti mill-fornitur tal-midja soċjali abbażi tad-*data* personali tal-utent, jistgħu jintużaw mill-fornitur tal-midja soċjali għal operazzjonijiet ta' pproċessar futuri, li juri li dan tal-aħħar ma jistax jikkwalifika bħala

⁴⁵ Ara l-Linji Gwida 7/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti tal-kontrollur u tal-proċessur fil-GDPR, ("Barra minn hekk, meta l-entitajiet ma jkollhomx l-istess fini għall-ipproċessar, jista' jiġi stabbilit ukoll kontroll konġunt, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QĠUE, meta l-entitajiet involuti jseguw finijiet li huma marbuta mill-qrib jew komplementari. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta jkun hemm benefiċċju reċiproku li jirriżulta mill-istess operazzjoni ta' pproċessar, diment li kull waħda mill-entitajiet involuti tipparteċipa fid-determinazzjoni tal-finijiet u tal-mezzi tal-operazzjoni ta' pproċessar rilevanti").

⁴⁶ Ara l-Linji Gwida 7/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti tal-kontrollur u tal-proċessur fil-GDPR, ("Barra minn hekk, l-għażla magħmula minn entità li tuża, għall-finijiet tagħha stess, għodda jew sistema oħra żviluppata minn entità oħra, li tippermetti l-ipproċessar ta' *data* personali, x'aktarx li tammonta għal deċiżjoni konġunta dwar il-mezzi ta' dak l-ipproċessar minn dawk l-entitajiet. Dan isegwi mill-kawża ta' Fashion ID, fejn il-QĠUE kkonkludiet li, billi inkorporat fuq is-sit web tagħha l-buttna 'Like' ta' Facebook magħmula disponibbli minn Facebook għall-operaturi tas-siti web, Fashion ID eżerċitat influwenza deċiżiva fir-rigward tal-operazzjonijiet li jinvolvu l-għbir u t-trażmissjoni tad-*data* personali tal-visitaturi tas-sit web tagħha lil Facebook u, b'hekk, iddeterminat flimkien ma' Facebook il-mezzi ta' dak l-ipproċessar").

⁴⁷ Ara, f'dan ir-rigward, *Wirtschaftsakademie*, C-210/16, il-para. 39 - ECLI:EU:C:2018:388.

⁴⁸ Bl-istess mod, ara wkoll *Fashion ID*, C-40/17, il-para. 80: "dawn l-operazzjonijiet ta' pproċessar isiru kemm fl-interess ekonomiku ta' Fashion ID kif ukoll ta' Facebook Ireland, li fir-rigward tagħha l-fatt li jkollha din id-*data* għad-dispożizzjoni tagħha għall-finijiet kummerċjali tagħha nnifisha jikkostitwixxi l-korrispettiv tal-vantaġġ offrut lil Fashion ID".

⁴⁹ Ara l-Opinjoni 1/2010.

⁵⁰ Ara l-Linji Gwida 7/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti tal-kontrollur u tal-proċessur fil-GDPR.

proċessur. Barra minn hekk, il-fornitur tal-midja soċjali ma jidhrix li jipproċessa esklussivament id-*data* f'isem il-Kumpanija X u f'konformità mal-istruzzjonijiet tagħha.

46. Il-kontroll konġunt fost il-persuna responsabbli mill-immirar u l-fornitur tal-midja soċjali jestendi biss għal dawk l-operazzjonijiet ta' pproċessar li għalihom huma effettivament jiddeterminaw flimkien il-finijiet u l-mezzi. Dan jestendi għall-ipproċessar ta' *data* personali li jirriżulta mill-għażla tal-kriterji ta' mmirar rilevanti u mill-wiri tar-reklam lill-udjenza fil-mira. Huwa jkopri wkoll l-ipproċessar ta' *data* personali mwettaq mill-fornitur tal-midja soċjali biex jirrapporta lill-persuna responsabbli mill-immirar dwar ir-riżultati tal-kampanja ta' mmirar. Madankollu, il-kontroll konġunt ma jestendix għal operazzjonijiet li jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali fi stadji oħrajn li jsejtnu qabel l-għażla tal-kriterji ta' mmirar rilevanti jew wara li jkunu tlestew l-immirar u r-rapportar (eż. l-iżvilupp ta' kriterji ta' mmirar ġodda mill-fornitur tal-midja soċjali abbażi ta' kampanji ta' mmirar kompluti) u li fihom il-persuna responsabbli mill-immirar ma pparteċipatx fid-determinazzjoni tal-finijiet u tal-mezzi, filwaqt li, bl-istess mod, il-fornitur tal-midja soċjali, fil-prinċipju, ma jipparteċipax fil-fażi tal-ippjanar ta' kampanja ta' mmirar qabel il-mument li fih il-persuna responsabbli mill-immirar tagħmel kuntatt mal-fornitur tal-midja soċjali".⁵¹
47. L-analiżi ta' hawn fuq tibqa' l-istess anki jekk il-persuna responsabbli mill-immirar tispeċifika biss il-parametri tal-udjenza maħsuba tagħha u ma jkollhiex aċċess għad-*data* personali tal-utenti li huma affettwati. Tabilħaqq, ir-responsabbiltà konġunta ta' diversi atturi għall-istess ipproċessar ma teħtiegħ li kull wieħed minnhom ikollu aċċess għad-*data* personali kkonċernata.⁵² L-EDPB ifakkar li l-aċċess proprju għad-*data* personali mhuwiex prerekwiżit għar-responsabbiltà konġunta.⁵³

B. Bażi ġuridika

48. Bħala kontrolluri konġunti, iż-żewġ partijiet (il-fornitur tal-midja soċjali u l-persuna responsabbli mill-immirar) iridu jkunu jistgħu juru l-eżistenza ta' bażi ġuridika (l-Artikolu 6 tal-GDPR) biex jiġġustifikaw l-ipproċessar ta' *data* personali li għaliha huwa responsabbli kull wieħed mill-kontrolluri konġunti. L-EDPB ifakkar li ma ssir l-ebda ġerarkija speċifika bejn il-bażi legali differenti tal-GDPR: il-kontrollur jeħtiegħ li jiżgura li l-bażi legali magħżula tkun taqbel mal-objettiv u l-kuntest tal-operazzjoni ta' pproċessar inkwistjoni. L-identifikazzjoni tal-bażi legali xierqa hija marbuta mal-prinċipji tal-ġustizzja u tal-limitazzjoni tal-iskop.⁵⁴
49. B'mod ġenerali, hemm żewġ bażijiet ġuridiċi li jistgħu jiġġustifikaw l-ipproċessar li jappoġġa l-immirar tal-utenti tal-midja soċjali: il-kunsens tas-suġġett tad-*data* (l-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR) jew l-interessi leġittimi (l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR). Kontrollur irid dejjem jikkunsidra x'inhom l-bażi ġuridika xierqa fiċ-ċirkostanzi partikolari. Fir-rigward tal-fornituri tal-midja soċjali, l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR ma jistax jipprovdi bażi legali għar-reklamar online sempliċiment minħabba li tali reklamar jiffinanzja indirettament il-forniment tas-servizz tagħhom.⁵⁵ L-istess japplika għall-persuna responsabbli mill-

⁵¹ Ara wkoll is-Sentenza f'*Fashion ID*, C-40/17, il-para. 74 ("[p]ersuna fiżika jew ġuridika ma tistax titqies bħala kontrollur, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, mill-operazzjonijiet preċedenti jew sussegwenti tal-katina ta' pproċessar li fir-rigward tagħha hija la tiddetermina l-finijiet u lanqas il-mezzi") u l-paragrafu 101.

⁵² Is-Sentenza f'*Wirtschaftsakademie*, C-210/16, il-para. 38 - ECLI:EU:C:2018:388; Is-Sentenza f'*Jehovah's Witnesses*, C-25/17, il-para. 69 - ECLI:EU:C:2018:551.

⁵³ Is-Sentenza tal-QĠUE tal-10 ta' Lulju 2018 (C-25/17, il-para. 68 sa 72).

⁵⁴ Ara l-paragrafu 18, Linji Gwida 2/2019 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lis-suġġetti tad-*data*, Verżjoni 2.0, it-8 ta' Ottubru 2019, disponibbli fuq https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_guidelines-art_6-1-b-adopted_after_public_consultation_mt.pdf

⁵⁵ Ara l-para. 52, 53, Linji Gwida 2/2019 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lis-suġġetti tad-*data*, Verżjoni 2.0, it-8 ta' Ottubru 2019, disponibbli

immirar billi l-immirar tal-utenti tal-midja soċjali ma jistax jitqies bħala aspekk intrinsiku ta' kwalunkwe servizz jew meħtieġ biex jitwettaq kuntratt mal-utent.⁵⁶ Filwaqt li l-personalizzazzjoni tal-kontenut tista', f'ċerti ċirkostanzi, tikkostitwixxi element intrinsiku u mistenni ta' ċerti servizzi online⁵⁷, l-Artikolu 6(1)b tal-GDPR fil-kuntest tal-immirar tal-utenti tal-midja soċjali bilkemm huwa applikabbli, kif muri fl-eżempji ta' dawn il-Linji Gwida.⁵⁸

50. Għal dak li jikkonċerna l-bażi legali ta' interess leġittimu, l-EDPB ifakkar li f'*Fashion ID*, il-QĠUE tenniet li sabiex ipproċessar ikun jista' jiddependi fuq l-interess leġittimu, għandhom jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri⁵⁹ (i) l-eżerċitar ta' interess leġittimu mill-kontrollur tad-*data* jew mill-parti terza jew partijiet terzi li lilhom tiġi ddivulgata d-*data*, (ii) il-ħtieġa li tiġi pproċessata *data* personali għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwiti, u (iii) il-kundizzjoni li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data*, li d-*data* tiegħu teħtieġ protezzjoni, ma jieħdu l-ebda preċedenza. Il-QĠUE speċifikat ukoll li f'sitwazzjoni ta' kontroll konġunt "*huwa neċessarju li kull wieħed minn dawn il-partijiet responsabbli jkollu, għat-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet ta' pproċessar, interess leġittimu [...] sabiex l-aġir tagħhom ikun iġġustifikat*".⁶⁰
51. Fir-rigward tal-Eżempju 1, il-persuna responsabbli mill-immirar tista' tqis l-interess leġittimu tagħha bħala l-interess ekonomiku li jkollha aktar pubbliċità għall-prodotti tagħha permezz ta' mmirar fuq il-midja soċjali. Il-fornitur tal-midja soċjali jista' jqis li l-interess leġittimu tiegħu jikkonsisti f'li jagħmel is-servizz tal-midja soċjali profittabbli billi jbiegħ spazju ta' reklamar. Jekk il-persuna responsabbli mill-immirar u l-fornitur tal-midja soċjali jistgħux jistrieħu fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR bħala bażi ġuridika jiddependi fuq jekk jiġux issodisfati t-tliet kundizzjonijiet kumulattivi kollha, kif ġie mtenni reċentement mill-QĠUE. Anki jekk il-persuna responsabbli mill-immirar u l-fornitur tal-midja soċjali jqisu li l-interessi ekonomiċi tagħhom huma leġittimi, dan mhux bilfors ifisser li fil-fatt se jkunu jistgħu jistrieħu fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR.
52. It-tieni parti tat-test tal-ibbilanċjar tinvolti li l-kontrolluri konġunti se jkollhom jistabilixxu li l-ipproċessar huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-interessi leġittimi. "Meħtieġ" tirrikjedi konnessjoni bejn l-ipproċessar u l-interessi segwiti. Ir-rekwiżit ta' "neċessità" huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1)f, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar ta' *data* bbażata fuq interessi leġittimi ma jwassalx għal interpretazzjoni wiesgħa bla bżonn tan-neċessità li tiġi pproċessata d-*data*. Bħal f'każijiet oħrajn, dan ifisser li għandu jiġi kkunsidrat jekk hemmx mezzi inqas invażivi oħrajn disponibbli biex iservu l-istess għan.⁶¹
53. It-tielet pass fil-valutazzjoni ta' jekk il-persuna responsabbli mill-immirar u l-fornitur tal-midja soċjali jistgħux jistrieħu fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR bħala l-bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' *data* personali

fuq https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_guidelines-art_6-1-b-adopted_after_public_consultation_mt.pdf

⁵⁶ Ikun hemm nuqqas ta' neċessità li kieku l-persuna responsabbli mill-immirar kellha taqleb għall-fornituri tal-midja soċjali minkejja relazzjoni kuntrattwali diretta mal-klijent tagħha u, b'hekk, il-possibbiltà ta' reklamar dirett.

⁵⁷ Ara p. 15, Linji Gwida 2/2019 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lis-suġġetti tad-*data*, Verżjoni 2.0, it-8 ta' Ottubru 2019, disponibbli fuq https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_guidelines-art_6-1-b-adopted_after_public_consultation_mt.pdf

⁵⁸ Il-Linji Gwida 2/2019 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lis-suġġetti tad-*data*, il-para. 57.

⁵⁹ Il-QĠUE, is-Sentenza f'*Fashion ID*, id-29 ta' Lulju 2019, C-40/17, il-para. 95 - ECLI:EU:C:2019:629.

⁶⁰ Idem, il-para. 97.

⁶¹ L-Opinjoni 06/2014 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kunċett ta' interessi leġittimi tal-kontrollur tad-*data* skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE, WP217, id-9 ta' April 2014, p. 29.

huwa l-eżerċizzju ta' bilanċjar meħtieġ biex jiġi ddeterminat jekk l-interess leġittimu inkwistjoni huwiex megħlub mill-interessi jew mid-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data*.⁶²

54. L-EDPB ifakkar li f'każijiet fejn kontrollur jipprevedi li jiddependi fuq interess leġittimu, id-dmirijiet ta' trasparenza u d-dritt ta' oġġezzjoni jeħtieġu kunsiderazzjoni bir-reqqa. Is-suġġetti tad-*data* għandhom jingħataw l-opportunità li joġġezzjonaw għall-ipproċessar tad-*data* tagħhom għal finijiet immirati qabel ma jinbeda l-ipproċessar. L-utenti tal-midja soċjali mhux biss għandhom jingħataw il-possibbiltà li joġġezzjonaw għall-wiri ta' reklamar immirat meta jaċċessaw il-pjattaforma, iżda wkoll għandhom jiġu pprovduti b'kontrolli li jiżguraw li l-ipproċessar sottostanti tad-*data* personali tagħhom għall-fini ta' mmirar ma jseħx aktar wara li jkunu oġġezzjonaw.
55. Il-persuna responsabbli mill-immirar li tfittex li tistrieħ fuq interess leġittimu għandha, min-naħa tagħha, tagħmilha faċli għall-individwi li jesprimu oġġezzjoni minn qabel għall-użu tal-midja soċjali għal finijiet ta' mmirar. Madankollu, sa fejn il-persuna responsabbli mill-immirar ma jkollha l-ebda interazzjoni diretta mas-suġġett tad-*data*, il-persuna responsabbli mill-immirar għandha mill-inqas tiżgura li l-pjattaforma tal-midja soċjali tipprovi lis-suġġett tad-*data* b'mezzi biex jesprimi b'mod effiċjenti d-dritt tiegħu għal oġġezzjoni minn qabel. Bħala kontrolluri konġunti, il-persuna responsabbli mill-immirar u l-fornitur tal-midja soċjali għandhom jiċċaraw kif id-dritt tal-individwi li joġġezzjonaw (kif ukoll drittijiet oħrajn) se jiġu akkomodati fil-kuntest tal-arranġament konġunt (ara t-Taqsima 6). Jekk l-eżerċizzju ta' bilanċjar jindika li l-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* jegħlbu l-interess leġittimu tal-fornitur tal-midja soċjali u tal-persuna responsabbli mill-immirar, l-użu tal-Artikolu 6(1)(f) mhuwiex possibbli.
56. Għal dak li jikkonċerna l-bażi legali tal-kunsens, il-kontrollur jeħtieġ li jżomm f'moħħu li jidher b'mod ċar li hemm sitwazzjonijiet li fihom l-ipproċessar ma jkunx legali mingħajr il-kunsens validu tal-individwi kkonċernati (l-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR). Pereżempju, preċedentement, il-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 qies li jkun diffiċli għall-kontrolluri li jiġġustifikaw l-użu tal-interessi leġittimi bħala bażi ġuridika għat-tfassil ta' profili intrużivi u l-prattiki ta' traċċar għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jew reklamar, pereżempju, dawk li jinvolvu t-traċċar ta' individwi fuq bosta siti web, postijiet, apparati, servizzi jew senserija tad-*data*.⁶³
57. Sabiex ikun validu, il-kunsens miġbur għall-ipproċessar jeħtieġ li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4(11) u 7 tal-GDPR. Ġeneralment, il-kunsens jista' jkun bażi ġuridika xierqa biss jekk suġġett tad-*data* jiġi offrut kontroll u għażla ġenwina. Jekk il-kunsens ikun raggruppat bħala parti mhux negozjabbli ta' termini u kundizzjonijiet, huwa preżunt li dan ma jkunx ingħata liberament. Il-kunsens

⁶² Meta jiġi vvalutat l-impatt fuq l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu kkonċernat, il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin huma partikolarment rilevanti fil-kuntest tal-immirar dirett lejn l-utenti tal-midja soċjali (i) il-finijiet tal-immirar, (ii) il-livell ta' dettall tal-kriterji ta' mmirar użati (eż., koorti deskritt b'mod wiesa' bħal "persuni b'interess fil-letteratura Ingliża", jew kriterji aktar dettaljati biex jippermettu s-segmentazzjoni u l-immirar fuq livell aktar granulari), (iii) it-tip (u l-kombinazzjoni) ta' kriterji ta' mmirar użati (jiġifieri jekk l-immirar jiffokax biss fuq aspekk żgħir tas-suġġett tad-*data*, jew huwiex ta' natura aktar komprensiva), u (iv) in-natura (is-sensittività), il-volum u s-sors tad-*data* użata sabiex jiġu żviluppanti l-kriterji ta' mmirar. Ara l-Opinjoni 06/2014 tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 dwar il-kunċett ta' interessi leġittimi tal-kontrollur tad-*data* skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE, WP217, id-9 ta' April 2014 https://ec.europa.eu/justice/Article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2014/wp217_mt.pdf

⁶³ L-Opinjoni tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 dwar it-tfassil ta' profili u t-teħid ta' deċizzjonijiet awtomatizzati, WP 251, rev. 01, p. 15, ara wkoll l-Opinjoni tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 dwar l-interess leġittimu, p. 32 u 48: « B'mod ġenerali, hemm żbilanċ bejn l-interess leġittimu tal-kumpanija u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-utenti u l-Artikolu 7(f) ma għandux jiġi invokat bħala bażi legali għall-ipproċessar. L-Artikolu 7(a) ikun bażi aktar xierqa li għandha tintuża, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għal kunsens validu ».

irid ikun ukoll speċifiku, infurmat u mhux ambigwu u s-suġġett tad-*data* jrid ikun jista' jirrifjuta jew jirtira l-kunsens mingħajr detriment.⁶⁴

58. Jista' jiġi previst kunsens (l-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR), diment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha għal kunsens validu. L-EDPB ifakkar li l-kisba tal-kunsens lanqas ma tinnega jew b'xi mod tnaqqas l-obbligi tal-kontrollur li josserva l-prinċipji tal-ipproċessar stabbiliti fil-GDPR, speċjalment l-Artikolu 5 fir-rigward tal-ġustizzja, in-neċessità u l-proporzjonalità, kif ukoll il-kwalità tad-*data*. Anki jekk l-ipproċessar ta' *data* personali jkun ibbażat fuq il-kunsens tas-suġġett tad-*data*, dan ma jilleġittimizza immirar li jkun sproporzjonat jew inġust.⁶⁵
59. Fl-aħħar nett, l-EDPB huwa tal-opinjoni li l-ipproċessar ta' *data* personali deskritt fl-Eżempju 1 ma jistax jiġi ġġustifikat abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) la mill-pjattaforma soċjali u lanqas mill-persuna responsabbli mill-immirar.⁶⁶

5.2.2 *Data* pprovduta mill-utent tal-pjattaforma tal-midja soċjali lill-persuna responsabbli mill-immirar

60. L-immirar jista' jinvolvi wkoll *data* pprovduta mis-suġġett tad-*data* lill-persuna responsabbli mill-immirar, li mbagħad tuża d-*data* miġbura sabiex timmira għas-suġġett tad-*data* fuq il-midja soċjali. Pereżempju, l-immirar "ibbażat fuq lista" iseħħ meta persuna responsabbli mill-immirar ittella' listi pre-eżistenti ta' *data* personali (bħal indirizzi tal-posta elettronika jew numri tat-telefon) biex il-fornitur tal-midja soċjali jqabbel mal-informazzjoni fuq il-pjattaforma. F'dan il-każ, il-fornitur tal-midja soċjali jqabbel id-*data* mtellgħa mill-persuna responsabbli mill-immirar mad-*data* tal-utenti li diġà għandu, u kwalunkwe utenti li jaqblu jiżdedu mal-udjenza fil-mira jew jiġu esklużi minnha (jiġifieri, ir-"raggruppament" ta' persuni li r-reklam għalihom se jintwera fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali). Il-fornitur tal-midja soċjali jista' jippermetti wkoll li l-persuna responsabbli mill-immirar "tiċċekkja" l-lista qabel ma tiffinalizzaha, li jfisser li xi pproċessar iseħħ saħansitra qabel ma tkun inħolqot l-udjenza.

Eżempju 2:

Is-Sa. Jones tikkuntattja lill-Bank X biex tagħmel appuntament rigward ipoteka possibbli minħabba li se tixtri dar. Hija tikkuntattja lill-bank permezz tal-posta elettronika biex tagħmel l-appuntament. Wara l-appuntament, is-Sa. Jones tiddeċiedi li ma ssirx klijenta tal-bank. Madankollu, il-bank żied l-indirizz tal-posta elettronika tas-Sa. Jones mal-bażi tad-*data* tal-posta elettronika tal-klijenti tiegħu. Imbagħad, il-bank juża l-bażi tad-*data* tal-indirizzi tal-posta elettronika tiegħu, billi jippermetti lill-fornitur tal-midja soċjali "jqabbel" il-lista ta' indirizzi tal-posta elettronika li jkollu ma' dawk miżmuma mill-pjattaforma tal-midja soċjali, sabiex jimmira għall-individwi kkonċernati bil-firxa sħiħa ta' servizzi finanzjarji fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali.

Eżempju 3:

Is-Sur Lopez ilu klijent fil-Bank X għal kważi sena. Meta sar klijent, huwa pprovdva indirizz tal-posta elettronika u kien infurmat mill-Bank X, fil-mument tal-għbir, li: (a) l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu se jintuża għar-reklamar ta' offerti marbuta mas-servizzi bankarji li diġà qed juża; u (b) huwa jista'

⁶⁴ Ara l-Linji Gwida tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, WP259 rev.01.

⁶⁵ Ara l-Linji Gwida tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, WP259 rev.01, p. 3-4.

⁶⁶ Ara l-Linji Gwida 2/2019 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lis-suġġetti tad-*data*, Verżjoni 2.0, it-8 ta' Ottubru 2019, disponibbli fuq https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_guidelines-art_6-1-b-adopted_after_public_consultation_mt.pdf

joġġezzjona għal dan l-ipproċessar fi kwalunkwe ħin. Il-bank żied l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu mal-bażi tad-*data* tal-posta elettronika tal-klijenti tiegħu. Wara, il-bank juża l-bażi tad-*data* tal-posta elettronika tiegħu biex jimmira għall-klijenti tiegħu fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali bil-firxa sħiħa ta' servizzi finanzjarji li għandu x'joffri.⁶⁷

A. Rwoġi

61. F'dawn l-eżempji, il-korp responsabbli mill-immirar, jiġifieri l-bank, jaġixxi bħala kontrollur minħabba li jiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar billi jiġbor, jipproċessa u jittrażmetti b'mod attiv id-*data* personali tal-individwi kkonċernati lill-fornitur tal-midja soċjali għal finijiet ta' reklamar. Min-naħa tiegħu, il-fornitur tal-midja soċjali jaġixxi bħala kontrollur minħabba li jkun ħa d-deċiżjoni li juża d-*data* personali miksuba mingħand l-utent tal-midja soċjali (jiġifieri l-indirizz tal-posta elettronika li pprova meta fetaħ il-kont tiegħu) sabie x il-persuna responsabbli mill-immirar tkun tista' turi r-reklamar lil udjenza ta' individwi speċifiċi.
62. Jeżisti kontroll konġunt b'rabta mal-operazzjonijiet ta' pproċessar li għalihom il-fornitur tal-midja soċjali u l-persuna responsabbli mill-immirar jiddeterminaw b'mod konġunt il-finijiet u l-mezzi, f'dan il-każ, it-tluġħ ta' identifikaturi uniċi relatati mal-udjenza maħsuba, it-tqabbil, l-għażla tal-kriterji ta' mmirar u l-wiri sussegwenti tar-reklam, kif ukoll kwalunkwe rapportar relatat mal-kampanja ta' mmirar.⁶⁸
63. Fiż-żewġ eżempji, il-bank jaġixxi bħala l-uniku kontrollur fir-rigward tal-ġbir inizjali tal-indirizzi tal-posta elettronika tas-Sa. Jones u tas-Sur Lopez, rispettivament. Il-fornitur tal-midja soċjali ma jipparteċipa bl-ebda mod biex jiddetermina l-mezzi u l-finijiet ta' din il-ġabra. Il-kontroll konġunt jibda bit-trażmissjoni tad-*data* personali u l-ġbir simultanju tagħha mill-fornitur tal-midja soċjali. Dan ikompli matul il-wiri tar-reklam immirat, li jintemm (fil-biċċa l-kbira tal-każijiet) meta titlesta fażi ta' rapportar sussegwenti. F'xi każijiet, il-kontroll konġunt jista' jiġi estiż aktar, anki sal-fażi tat-tħassir tad-*data*, sa fejn il-persuna responsabbli mill-immirar xorta tkompli tipparteċipa fid-determinazzjoni tal-finijiet u tal-mezzi.
64. Ir-raġuni għaliex il-bank jaġixxi bħala kontrollur uniku meta jiġbor l-indirizzi tal-posta elettronika mingħand is-Sa. Jones u s-Sur Lopez, rispettivament, hija minħabba li l-ġbir tad-*data* jseħħ qabel il-kampanja ta' mmirar u mhuwiex marbut b'mod inseparabbli magħha. Għalhekk, f'dan il-każ, wieħed irid jiddistingwi bejn is-sett inizjali ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li għalihom il-bank biss huwa kontrollur u pproċessar sussegwenti li għalih jeżisti kontroll konġunt. Ir-responsabbiltà tal-bank ma testendix għal operazzjonijiet li jseħħu wara li jkunu tlestew l-immirar u r-rapportar u li fihom il-

⁶⁷ F'sitwazzjonijiet fejn l-indirizzi tal-posta elettronika jintużaw biex jibagħtu kummerċjalizzazzjoni diretta lill-utenti, il-kontrolluri jridu jqisu wkoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika. ”.

⁶⁸ Id-determinazzjoni tal-finijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar tal-persuna responsabbli mill-immirar u tal-fornitur tal-midja soċjali hija simili (għalkemm mhux identika) għall-Eżempju 1. Billi ttella' l-lista ta' indirizzi tal-posta elettronika u tistabbilixxi l-kriterji ta' mmirar addizzjonali, il-persuna responsabbli mill-immirar tiddefinixxi l-kriterji li f'konformità magħhom iseħħ l-immirar u tinnomina l-kategoriji ta' persuni li d-*data* personali tagħhom għandha tintuża. Bl-istess mod, il-fornitur tal-midja soċjali jiddetermina d-*data* personali ta' min għandha tiġi pproċessata, billi jippermetti liema kategoriji ta' *data* għandhom jiġu pproċessati, liema kriterji ta' mmirar għandhom jiġu offruti u min għandu jkollu aċċess (għal liema tipi ta') *data* personali li tiġi pproċessata fil-kuntest ta' kampanja ta' mmirar partikolari. Il-fini kondiviż li huwa l-bażi ta' dawn l-operazzjonijiet ta' pproċessar jixbah il-fini identifikat fl-Eżempju 1, jiġifieri l-wiri ta' reklam speċifiku lil sett ta' individwi (f'dan il-każ: l-utenti tal-midja soċjali) li jiffurmaw l-udjenza fil-mira.

persuna responsabbli mill-immirar ma tkunx ipparteċipat fil-finijiet u l-mezzi u li għalihom il-fornitur tal-midja soċjali jaġixxi bħala l-kontrollur uniku.

B. Bażi ġuridika

65. FI-Eżempju 2, l-Artikolu 6(1)f tal-GDPR ma jipprovdi bażi ġuridika xierqa biex jiġġustifika l-ipproċessar f'dan il-każ, b'kont meħud tal-kuntest li fih ġiet ipprovduta d-*data* personali. Tabilħaqq, is-Sa. Jones ikkuntattjat lill-bank għall-iskop uniku li tagħmel appuntament, u wara tikkomunika l-intenzjoni tagħha li ma tagħmilx użu mis-servizzi offruti mill-bank. B'hekk, wieħed jista' jqis li ma hemm l-ebda aspettattiva raġonevoli mis-Sa. Jones li d-*data* personali tagħha għandha tintuża għall-finijiet ta' mmirar ("immirar mill-ġdid"). Barra minn hekk, test ta' kompatibilità skont l-Artikolu 6(4) tal-GDPR x'aktarx iwassal għall-eżitu li dan l-ipproċessar mhux kompatibbli mal-fini li għalih tinġabar inizjalment id-*data* personali.
66. FI-Eżempju 3, jista' jkun li l-persuna responsabbli mill-immirar tkun tista' tistrieħ fuq interess leġittimu biex tiġġustifika l-ipproċessar, filwaqt li tqis, fost l-oħrajn, li s-Sur Lopez kien: (a) infurmat bil-fatt li l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu jista' jintuża għall-finijiet ta' reklamar permezz tal-midja soċjali għal servizzi marbuta ma' dak użat mis-suġġett tad-*data*; (b) ir-reklamar jirrigwardja servizzi simili għal dawk li tagħhom is-Sur Lopez huwa diġà klijent, u (ċ) is-Sur Lopez ingħata l-kapaċità li joġġezzjona qabel l-ipproċessar, fil-mument meta d-*data* personali tkun inġabret mill-bank. Madankollu, l-EDPB jixtieq jiċċara li t-twettiq tad-dmirijiet ta' informazzjoni skont l-Artikoli 13 u 14 tal-GDPR u l-ibbilanċjar tal-interessi li għandu jsir skont l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR huma żewġ settijiet differenti ta' obbligi. Għalhekk, is-sempliċi twettiq tad-dmirijiet ta' informazzjoni skont l-Artikoli 13 u 14 tal-GDPR mhux miżura ta' trasparenza li għandha titqies għall-ibbilanċjar tal-interessi skont l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR.

5.3 Immirar abbażi tad-*data* osservata

67. Hemm diversi modi kif il-fornituri tal-midja soċjali jkunu jistgħu josservaw l-imġiba tal-utenti tagħhom. Pereżempju, l-osservazzjoni hija possibbli permezz tas-servizz tal-midja soċjali nnifsu jew tista' tkun possibbli wkoll fuq siti web esterni bis-saħħa ta' plug-ins soċjali jew pixels.

Eżempju 4: Immirar ibbażat fuq pixels

Is-Sur Schmidt qed jibbrawżja online sabiex jixtri basket li jinġarr wara d-dahar. Huwa jżur is-sit web "BestBags.com", jara għadd ta' oġġetti, iżda jiddeċiedi li ma jixtri xejn. L-operatur ta' "BestBags.com" jixtieq jimmira għall-utenti tal-midja soċjali li jkunu żaru s-sit web tiegħu mingħajr ma jkunu xtraw xejn. Għal dan l-għan, huwa jintegra l-hekk imsejjaħ "pixel tat-traċċar"⁶⁹ fuq is-sit web tiegħu, li jiġi magħmul disponibbli mill-fornitur tal-midja soċjali. Wara li jħalli s-sit web ta' BestBags.com u jilloggja fil-kont tal-midja soċjali tiegħu, is-Sur Schmidt jibda jara r-reklamar għall-basktijiet ta' wara d-dahar li kien qed jikkunsidra li jixtri meta kien qed jibbrawżja s-sit web BestBags.com.

Eżempju 5: Immirar ġeografiku

Is-Sa. Michu installat l-applikazzjoni ta' fornitur tal-midja soċjali fuq l-ismartphone tagħha. Hija qed timxi madwar Pariġi matul il-btajjel tagħha. Il-fornitur tal-midja soċjali jiġbor informazzjoni rigward fejn

⁶⁹ Il-pixels tat-traċċar huma magħmula minn biċċiet żgħir ta' kodiċi li huma integrati fis-sit web tal-persuna responsabbli mill-immirar. Meta individwu jaċċessa s-sit web tal-persuna responsabbli mill-immirar fil-brawżer tiegħu, il-brawżer jibgħat awtomatikament talba lis-server tal-fornitur tal-midja soċjali biex jikseb il-pixel tat-traċċar. Ladarba jitniżżel il-pixel tat-traċċar, il-fornitur tal-midja soċjali tipikament ikun jista' jimmonitorja s-sessjoni tal-utent (jiġifieri l-imġiba tal-individwu fuq is-sit(i) web inkwistjoni). Id-*data* osservata tista' tintuża sabiex, pereżempju, jiżdied utent tal-midja soċjali ma' udjenza partikolari fil-mira.

tinsab is-Sa. Michu permezz tal-funzjonalitajiet tal-GPS tal-ismartphone tagħha fuq bażi kontinwa⁷⁰, bl-użu tal-permessi li kienu ngħataw lill-fornitur tal-midja soċjali meta għet installata l-applikazzjoni. Is-Sa. Michu qed toqgħod f'lukanda li tinsab ħdejn pizzeria. Il-pizzeria tuża l-funzjonalità ta' mmirar ġeografiku offruta mill-fornitur tal-midja soċjali biex timmira għal individwi li jkunu jinsabu f'distanza ta' 1km mill-bini tagħha għall-ewwel darba fl-aħħar 6 xhur. Meta tiftaħ l-applikazzjoni tal-fornitur tal-midja soċjali fuq l-ismartphone tagħha, is-Sa. Michu tara reklam mill-pizzeria, tiddeċiedi li għandha l-għu u tixtri pizza minn fuq is-sit web tagħha.

Eżempju 6:

Is-Sa. Ghorbani toħloq kont fuq pjattaforma tal-midja soċjali. Matul il-proċess tar-reġistrazzjoni, hija tintalab tgħid jekk taqbilx mal-ipproċessar tad-*data* personali tagħha biex tara reklamar immirat fuq il-paġna tal-midja soċjali tagħha, abbażi tad-*data* li hija tipprovdi direttament lill-fornitur tal-midja soċjali (bħall-età u s-sess tagħha u l-post fejn tinsab), kif ukoll abbażi tal-attività tagħha fuq siti web oħrajn barra mill-pjattaforma tal-midja soċjali bl-użu tal-cookies. Hija tiġi infurmata li din id-*data* se tinġabar permezz ta' plug-ins tal-midja soċjali jew pixels tat-traċċar, il-proċessi jiġu deskritti b'mod ċar lilha, kif ukoll il-fatt li l-immirar jinvolvi entitajiet oħrajn li huma responsabbli b'mod konġunt biex jiżguraw il-konformità mal-GDPR. Barra minn hekk, jiġi spjegat lilha li hija tista' tirtira l-kunsens tagħha fi kwalunkwe ħin, u tiġi pprovduta b'link għall-politika dwar il-privatezza. Minħabba li s-Sa. Ghorbani hija interessata li tara reklamar immirat fuq il-paġna tal-midja soċjali tagħha, hija tagħti l-kunsens tagħha. La jitqiegħdu u lanqas jinġabru cookies tar-reklamar qabel ma s-Sa. Ghorbani tesprimi l-kunsens tagħha.

Aktar tard, hija żżur is-sit web "Thelatesthotnews.com", li għandu buttuna tal-midja soċjali integrata fuqu. Fit-tarf tal-lemin tal-iskrin jidher strixxun żgħir iżda viżibbli b'mod ċar, li jitlob lis-Sa. Ghorbani tagħti l-kunsens tagħha għat-trażmissjoni tad-*data* personali tagħha lill-fornitur tal-midja soċjali bl-użu ta' cookies u plug-ins tal-midja soċjali. L-operatur tas-sit web ħa miżuri tekniċi sabiex ma tiġi ttrasferita l-ebda *data* personali lill-pjattaforma tal-midja soċjali qabel ma hija tagħti l-kunsens tagħha.

5.3.1 Rwoġi

68. Fl-Eżempju 4, kemm il-persuna responsabbli mill-immirar kif ukoll il-fornitur tal-midja soċjali jipparteċipaw fid-determinazzjoni tal-finijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar tad-*data* personali, li jirriżulta fil-wiri tar-reklam lis-Sur Schmidt.
69. Sa fejn hija kkonċernata d-determinazzjoni tal-fini, Bestbags.com u l-fornitur tal-midja soċjali jiddeterminaw b'mod konġunt il-fini tal-ipproċessar, jiġifieri li jintwera reklam speċifiku fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali lill-individwi li jiformaw l-udjenza fil-mira. Billi jinkorpora l-pixel fis-sit web tiegħu, Bestbags.com jeżerċita influwenza deċiżiva fuq il-mezzi tal-ipproċessar. Il-ġbir u t-trażmissjoni tad-*data* personali tal-viżitaturi tas-sit web lill-fornitur tal-midja soċjali ma kinux iseħħu mingħajr l-inkorporazzjoni ta' dak il-pixel. Min-naħa l-oħra, il-fornitur tal-midja soċjali żviluppa u joffri l-kodiċi tas-software (pixel) li jwassal għall-ġbir, it-trażmissjoni u l-evalwazzjoni awtomatiċi għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ta' *data* personali lill-fornitur tal-midja soċjali. B'riżultat ta' dan, jeżisti kontroll konġunt b'rabta mal-ġbir ta' *data* personali u t-trażmissjoni tagħha permezz ta' pixels, kif ukoll b'rabta mat-tqabbil u l-wiri sussegwenti tar-reklam lis-Sur Schmidt fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali, u għal

⁷⁰ Jista' jkun ukoll li fornitur tal-midja soċjali jkun jista' jiddetermina fejn jinsabu l-utenti tiegħu abbażi ta' punti ta' *data* oħrajn, inklużi l-indirizz tal-IP u l-informazzjoni tal-WiFi minn apparati mobbli, jew id-*data* derivata mill-utent (eż. jekk ipoġġu informazzjoni dwar il-post fejn jinsabu fuq il-pjattaforma f' post).

kwalunkwe rapportar relatat mal-kampanja ta' mmirar. Il-kontroll konġunt jeżisti wkoll, għal raġunijiet simili, fl-Eżempju 6.

70. Fl-Eżempju 5, il-pizzeria teżerċita influwenza deċiżiva fuq l-ipproċessar tad-*data* personali billi tiddefinixxi l-parametri tal-immirar tar-reklami f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħha (pereżempju, il-ħinijiet tal-ftuħ tal-pizzeria u l-ġeolokalizzazzjoni ta' persuni qrib il-pizzeria f'dan il-perjodu ta' ħin) u, għalhekk, trid titqies bħala li tiegħu sehem fid-determinazzjoni tal-finijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar tad-*data*. Min-naħa l-oħra, il-fornitur tal-midja soċjali ġabar l-informazzjoni rigward il-post fejn kienet tinsab is-Sa. Michu (permezz tal-GPS) bl-iskop li jippermetti tali reklamar immirat ibbażat fuq il-post. B'riżultat ta' dan, jeżisti kontroll konġunt bejn il-persuna responsabbli mill-immirar u l-pjattaforma tal-midja soċjali b'rabta mal-ġbir u l-analiżi tal-post fejn tinsab is-Sa. Michu, kif ukoll mal-wiri tar-reklam, sabiex ir-reklam jiġi mmirat għaliha (bħala persuna li tidher f'distanza ta' 1km mill-pizzeria għall-ewwel darba fl-aħħar 6 xhur).

5.3.2 Bażi ġuridika

71. L-ewwel nett, minħabba li l-Eżempji 4, 5 u 6 jinvolvu l-użu ta' cookies, jeħtieġ li jitqiesu r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika.
72. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika jirrikjedi li l-utenti jiġu pprovduti b'informazzjoni ċara u komprensiva, fost l-oħrajn dwar il-finijiet tal-ipproċessar, qabel ma jagħtu l-kunsens tagħhom⁷¹, soġġetti għal eċċezzjonijiet stretti ħafna.⁷² Informazzjoni ċara u komprensiva timplika li utent ikun f'pożizzjoni li jkun jista' jiddetermina faċilment il-konsegwenzi ta' kwalunkwe kunsens li jista' jagħti u jiżgura li l-kunsens mogħti jkun infurmat sew.⁷³ B'riżultat ta' dan, il-kontrollur se jkollu jinforma lis-suġġetti tad-*data* dwar il-finijiet rilevanti kollha tal-ipproċessar – inkluż kwalunkwe pproċessar sussegwenti tad-*data* personali miksuba permezz tal-aċċess għall-informazzjoni fit-tagħmir terminali.
73. Sabiex ikun validu, il-kunsens miġbur għall-implimentazzjoni tat-teknoloġiji ta' traċċar jeħtieġ li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 tal-GDPR.⁷⁴ Pereżempju, il-kunsens ma jiġix kostitwit b'mod validu jekk l-użu tal-cookies ikun permess permezz ta' kaxxa tal-immarkar immarkata minn qabel mill-fornitur tas-servizz, li l-utent irid ineħħi l-marki minnha biex jirrifjuta l-kunsens tiegħu.⁷⁵ Abbażi tal-premessa 32, azzjonijiet bħal 'scrolling' jew 'swiping' fuq paġna web jew attività simili tal-utent taħt l-ebda ċirkostanza ma jissodisfaw ir-rekwiżit ta' azzjoni ċara u affermattiva: jista' jkun diffiċli li ssir distinzjoni bejn tali azzjonijiet u attività jew interazzjoni oħra minn utent u, għalhekk, lanqas ma jkun possibbli li jiġi ddeterminat li jkun inkiseb kunsens mhux ambigwu. Barra minn hekk, f'każ bħal dan, se jkun diffiċli li jiġi pprovdut mod kif l-utent jirtira l-kunsens b'mod li jkun faċli daqs kemm biex jagħtih.⁷⁶
74. Kwalunkwe kontrollur (konġunt) li jfittex li jistrieħ fuq il-kunsens bħala bażi ġuridika huwa responsabbli biex jiżgura li jinkiseb kunsens validu. F'*Fashion ID*, il-QĠUE enfasizzat l-importanza li tiġi żgurata l-protezzjoni effiċjenti u f'waqtha tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, u li l-kunsens ma għandux jingħata biss lill-kontrollur konġunt li jkun involut aktar tard fl-ipproċessar. Irid jinkiseb kunsens validu qabel l-ipproċessar, li jimplika li l-kontrolluri (konġunti) jeħtieġ li jivvalutaw meta u kif għandha tiġi pprovduta

⁷¹ Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-Sentenza fi Planet 49 GmbH, il-Kawża C-673/17, il-paragrafu 73.

⁷² Ara l-Opinjoni 5/2019 dwar l-interazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika u l-GDPR, b'mod partikolari rigward il-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Fashion ID*, C-40/17, il-paragrafi 89-91.

⁷³ *Idem*, il-paragrafu 74.

⁷⁴ Il-Linji Gwida 05/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, Verżjoni 1.1, p. 6.

⁷⁵ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fi Planet 49, C-637/17, il-paragrafu 57.

⁷⁶ Il-Linji Gwida 05/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, Verżjoni 1.1, p. 19.

I-informazzjoni u jinkiseb il-kunsens. Fi kliem ieħor, il-mistoqsija dwar liema mill-kontrolluri konġunti għandhom ikunu inkarigati mill-għbir tal-kunsens twassal biex jiġi ddeterminat min minnhom huwa involut l-ewwel mas-suġġett tad-*data*. Fl-eżempju 6, billi t-tqegħid ta' cookies u l-ipproċessar ta' *data* personali jseħħu fil-mument tal-ħolqien tal-kontijiet, il-fornitur tal-midja soċjali jrid jiġbor il-kunsens validu tiegħu qabel it-tqegħid ta' cookies tar-reklamar.

75. L-EDPB ifakkar ukoll li f'każ fejn il-kunsens imfittex ikun irid jiġi invokat minn kontrolluri (konġunti) multipli jew jekk id-*data* tkun trid tiġi ttrasferita lil, jew ipproċessata minn, kontrolluri oħrajn li jkunu jixtiequ jistrieħu fuq il-kunsens oriġinali, għandhom jissemmew dawn l-organizzazzjonijiet kollha.⁷⁷ Sa fejn mhux il-kontrolluri konġunti kollha jkunu magħrufa fil-mument meta l-fornitur tal-midja soċjali jfittex il-kunsens, dan tal-aħħar ikollu neċessarjament jiġi kkomplementat b'aktar informazzjoni u kunsens miġbura mill-operatur tas-sit web, li jinkorpora l-plug-in tal-midja soċjali (jiġifieri *Thelatesthotnews.com* fl-Eżempju 6).
76. L-EDPB jenfasizza li l-kunsens li għandu jinġabar mill-operatur tas-sit web għat-trażmissjoni ta' *data* personali attivata mis-sit web tiegħu (permezz tal-inkorporazzjoni ta' plug-in soċjali) jirrigwardja biss l-operazzjoni jew is-sett ta' operazzjonijiet li jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali li fir-rigward tagħha l-operatur fil-fatt jiddetermina l-finijiet u l-mezzi⁷⁸. Il-għbir tal-kunsens minn operatur ta' sit web, jiġifieri "*Thelatesthotnews.com*" fl-Eżempju 6, pereżempju, la jinnega u lanqas inaqas b'xi mod l-obbligu tal-fornitur tal-midja soċjali li jiżgura li s-suġġett tad-*data* jkun ipprovda kunsens validu li għall-ipproċessar tiegħu jkun responsabbli bħala kontrollur kongunt⁷⁹, kif ukoll għal kwalunkwe pproċessar sussegwenti jew ulterjuri li jwettaq, li għalih l-operatur tas-sit web ma jiddeterminax b'mod konġunt il-finijiet u l-mezzi (eż. operazzjonijiet sussegwenti ta' tfassil tal-profilu għall-finijiet ta' mmirar).
77. Barra minn hekk, kwalunkwe pproċessar sussegwenti ta' *data* personali, inkluża d-*data* personali miksuba permezz ta' cookies, plug-ins soċjali jew pixels, irid ikollu wkoll bażi ġuridika skont l-Artikolu 6 tal-GDPR sabiex ikun legali.⁸⁰ Għal dak li jikkonċerna l-baży ġuridika tal-ipproċessar fl-Eżempji 4, 5 u 6, l-EDPB iqis li l-interess leġittimu ma jstax jaġixxi bħala baży ġuridika xierqa, billi l-immirar jiddependi fuq il-monitoraġġ tal-imġiba tal-individwi fis-siti web u l-postijiet li jużaw teknoloġiji ta' traċċar.⁸¹
78. Għalhekk, f'ċirkostanzi bħal dawn, il-baży ġuridika xierqa għal kwalunkwe pproċessar sussegwenti skont l-Artikolu 6 tal-GDPR x'aktarx li tkun ukoll il-kunsens tas-suġġett tad-*data*. Tabilħaqq, meta tiġi vvalutata l-konformità mal-Artikolu 6 tal-GDPR, għandu jitqies li l-ipproċessar b'mod ġenerali jinvolvi attivitajiet speċifiċi li għalihom il-leġiżlatur tal-UE fittex li jipprovdi protezzjoni addizzjonali.⁸² Barra

⁷⁷ Il-Linji Gwida 05/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, Verżjoni 1.1, p. 16, il-paragrafu 65.

⁷⁸ Is-Sentenza f'*Fashion ID*, id-29 ta' Lulju 2019, C-40/17, ECLI:EU:C:2019:629, il-paragrafi 100-101.

⁷⁹ Dan huwa aktar u aktar il-każ sa fejn, għall-biċċa l-kbira tal-għodod ta' mmirar, ikun il-fornitur tal-midja soċjali li jwettaq l-operazzjonijiet ta' qari/kitba fuq it-terminal tal-utent, minħabba li huwa jiġbor id-*data* personali għall-fini ta' reklamar immirat. Għalhekk, il-fornitur tal-midja soċjali huwa responsabbli biex jiżgura li jinkiseb kunsens validu.

⁸⁰ L-Opinjoni 5/2019 dwar l-interazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika u l-GDPR, b'mod partikolari rigward il-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*, il-paragrafu 41.

⁸¹ L-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-tfassil ta' profili u t-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, WP 251, rev. 01, p. 15, ara wkoll l-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar l-interess leġittimu, p. 32 u 48: «B'mod ġenerali, hemm żbilanċ bejn l-interess leġittimu tal-kumpanija u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-utenti u l-Artikolu 7(f) ma għandux jiġi invokat bħala baży legali għall-ipproċessar. L-Artikolu 7(a) ikun baży aktar xierqa li għandha tintuża, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għal kunsens validu».

⁸² L-Opinjoni 5/2019 dwar l-interazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika u l-GDPR, b'mod partikolari rigward il-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*, il-paragrafu 41.

minn hekk, il-kontrolluri jridu jqisu l-impatt fuq id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* meta jidentifikaw il-bażi ġuridika xierqa sabiex jirrispettaw il-prinċipju tal-ġustizzja.⁸³

5.4 Immirar abbażi tad-*data* inferita

79. *Data* inferita tirreferi għal *data* li tinħoloq mill-kontrollur abbażi tad-*data* pprovduta mis-suġġett tad-*data* (irrispettivament minn jekk din id-*data* ġietx osservata jew ipprovduta b'mod attiv mis-suġġett tad-*data*, jew kombinazzjoni tagħhom).⁸⁴ L-inferenzi dwar is-suġġetti tad-*data* jistgħu jsiru kemm mill-fornitur tal-midja soċjali kif ukoll mill-persuna responsabbli mill-immirar.
80. Pereżempju, bis-saħħa tal-monitoraġġ tal-imġiba tal-utenti tiegħu fuq perjodu twil ta' żmien, kemm fuq il-midja soċjali kif ukoll barra minnha (eż. il-paġni miżjura, il-ħin imqatta' fuq kull paġna, l-għadd ta' rikonnessjonijiet ma' dik il-paġna, il-kliem imfittex, l-iperlinks segwiti, il-'likes' mogħtija), jista' jkun li l-fornitur tal-midja soċjali jkun jista' jinferixxi informazzjoni rigward l-interessi u karatteristiċi oħrajn tal-utent tal-midja soċjali. Bl-istess mod, jista' jkun li persuna responsabbli mill-immirar tkun tista' wkoll tinferixxi *data* dwar individwi speċifiċi u tuża dak l-għarfien meta timmira għalihom biex jidhru reklami fuq il-paġna tal-midja soċjali tagħhom.

Eżempju 7:

Is-Sa. Delucca spiss tagħmel 'like' għal ritratti li jitpoġġew mill-Gallerija tal-Arti "Beautifulart", mill-pittur impressjonista Pataolito, fuq il-paġna tal-midja soċjali tagħha. Il-Mużew Z qed ifittex li jattira individwi li huma interessati f'pitturi impressjonisti fid-dawl tal-wirja li jmiss tiegħu. Il-Mużew Z juża l-kriterji ta' mmirar li ġejjin offruti mill-fornitur tal-midja soċjali: "interessati fl-impressjoniżmu", il-ġeneru, l-età u l-post ta' residenza. Is-Sa. Delucca sussegwentement tirċievi reklamar immirat mill-Mużew Z relatat mal-wirja li jmiss tal-Mużew Z fuq il-paġna tal-midja soċjali tagħha.

Eżempju 8:

Is-Sur Leon indika fuq il-paġna tal-midja soċjali tiegħu li huwa interessat fl-isport. Huwa niżżel applikazzjoni fuq it-telefon ċellulari tiegħu biex isegwi l-aħħar riżultati tal-logħob tal-isport favorit tiegħu, issettja fuq il-brawżer tiegħu l-paġna www.livesportsresults.com bħala l-paġna prinċipali tiegħu fuq il-laptop tiegħu u spiss juża l-kompjuter desktop tiegħu fuq ix-xogħol biex ifittex l-aħħar riżultati sportivi fuq l-internet. Huwa jżur ukoll għadd ta' siti web tal-logħob tal-azzard online. Il-fornitur tal-midja soċjali jitraċċa l-attività online tas-Sur Leon fl-apparati multipli tiegħu, jiġifieri l-laptop tiegħu, it-telefon ċellulari tiegħu u l-kompjuter desktop tiegħu. Abbażi ta' din l-attività u l-informazzjoni kollha pprovduta mis-Sur Leon, il-fornitur tal-midja soċjali jinferixxi li huwa se jkun interessat fl-imħatri online. Barra minn hekk, il-pjattaforma tal-midja soċjali żviluppata kriterji ta' mmirar li jippermettu lill-kumpaniji jimmiraw għal persuni li x'aktarx ikunu impulsivi u jkollhom introjtu aktar baxx. Il-kumpanija tal-imħatri online "bestpaydayloans" tixtieq timmira għal utenti li huma interessati fl-imħatri u li x'aktarx ikunu qed jilagħbu ħafna flus fuq l-imħatri. Għalhekk, hija tagħżel il-kriterji offruti mill-fornitur tal-midja soċjali biex timmira għall-udjenza li lilha għandu jintwera r-reklam tagħha.

⁸³ Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, [il-Linji Gwida 2/2019 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont l-Artikolu 6\(1\)\(b\) tal-GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lis-suġġetti tad-*data*](#), Verżjoni 2.0, it-8 ta' Ottubru 2019, il-paragrafu 1.

⁸⁴ Ara wkoll il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* dwar id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*, WP 242 rev.01, il-5 ta' April 2017, p. 10.

5.4.1 Rwali

81. Għal dak li jikkonċerna d-determinazzjoni tar-rwali tal-atturi differenti, l-EDPB jinnota dan li ġej: fl-Eżempju 7, jeżisti kontroll konġunt bejn il-Mużew Z u l-fornitur tal-midja soċjali fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet ta' reklamar immirat, filwaqt li jitqies il-ġbir ta' din id-*data* permezz tal-funzjonalità 'like' fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali, u l-“analiżi” mwettqa mill-fornitur tal-midja soċjali sabiex joffri l-kriterju ta' mmirar (“interessati fl-impressjoniżmu”) lill-persuna responsabbli mill-immirar li jkun jaqbel mal-iskop li finalment jintwera r-reklam.⁸⁵
82. Fl-Eżempju 8, jeżisti kontroll konġunt bejn “bestpaydayloans” u l-fornitur tal-midja soċjali b'rabta mal-operazzjonijiet ta' pproċessar iddeterminati b'mod konġunt, f'dan il-każ, l-għażla tal-kriterji ta' mmirar u l-wiri sussegwenti tar-reklam, kif ukoll kwalunkwe rapportar relatat mal-kampanja ta' mmirar.

5.4.2 Bażi ġuridika

83. L-immirar tal-utenti tal-midja soċjali abbażi tad-*data* inferita għal finijiet ta' reklamar tipikament jinvolvi t-tfassil ta' profili.⁸⁶ Id-WP29 preċedentement iċċara li skont il-GDPR, it-tfassil tal-profil huwa pproċessar awtomatizzat ta' *data* personali li għandu l-għan li jevalwa aspetti personali, b'mod partikolari li janalizza jew jagħmel tbsasir dwar l-individwi, filwaqt li żied li “[l]-użu tal-kelma “jevalwa” jissuġġerixxi li t-tfassil tal-profil jinvolvi xi forma ta' valutazzjoni jew ġudizzju dwar persuna”.⁸⁷ It-tfassil tal-profil jista' jkun legali b'referenza għal kwalunkwe waħda mill-bażijiet legali fl-Artikolu 6(1) tal-GDPR, soġġett għall-validità ta' din il-bażi ġuridika.
84. Fl-Eżempju 7, l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika huwa applikabbli, sa fejn il-wiri tar-reklam fuq il-paġna tas-Sa. Delucca relatata mal-pittur Pataolito jkun jeħtieġ operazzjoni ta' qari/kitba biex tqabbel din il-funzjonalità 'like' mal-informazzjoni preċedentement miżmuma dwarha mill-fornitur tal-midja soċjali. Għalhekk, se jkun meħtieġ kunsens għal dawn l-operazzjonijiet.
85. Għal dak li jikkonċerna l-Eżempju 8, l-EDPB ifakkar li fil-każ ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati li jipproduċi effetti legali jew li b'mod simili jaffettwa b'mod sinifikanti lis-suġġett tad-*data*, kif stabbilit fl-Artikolu 22 tal-GDPR, il-kontrolluri tad-*data* jistgħu jiddependu fuq l-eċċezzjonijiet li ġejjin:
-) il-kunsens espliċitu ta' suġġett tad-*data*;
 -) il-ħtieġa tat-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati għad-dħul f'kuntratt jew għall-eżekuzzjoni tiegħu; jew
 -) l-awtorizzazzjoni mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li għaliha huwa soġġett il-kontrollur.
86. Id-WP29 diġà ddikjara li “*F'ħafna każijiet tipiċi, id-deċiżjoni li jiġi ppreżentat reklamar immirat abbażi ta' tfassil tal-profil mhux se jkollha effett sinifikanti simili fuq l-individwi (...). Madankollu, huwa possibbli li hija jista' jkollha tali effett, skont il-karatteristiċi partikolari tal-każ, inklużi:*
-) kemm ikun intrużiv il-proċess tat-tfassil ta' profili, inkluż it-traċċar ta' individwi fuq siti web, apparati u servizzi differenti;
 -) l-aspettattivi u x-xewqat tal-individwi kkonċernati;

⁸⁵ Fir-rigward tal-paġni tal-midja soċjali, il-kundizzjonijiet ta' kontroll konġunt jistgħu jiġu ssodisfati wkoll b'rabta mal-informazzjoni statistika pprovduta mill-fornitur tal-midja soċjali lill-amministratur tal-paġna: ara l-QĠUE C-210/16, *Wirtschaftsakademie*.

⁸⁶ L-EDPB jinnota li t-tfassil tal-profil seta' seħħ f'eżempji preċedenti wkoll.

⁸⁷ Il-Linji Gwida dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP251rev.01, p. 7.

) *il-mod kif jiġi ppreżentat ir-reklam; jew*

) *l-użu tal-għarfien dwar il-vulnerabbiltajiet tas-suġġetti tad-data fil-mira.”⁸⁸*

87. Meta t-fassil ta' profili mwettaq mill-fornitur tal-midja soċjali x'aktarx li jkollu “[effett] sinifikanti simili” fuq suġġett tad-*data*, għandu jkun applikabbli l-Artikolu 22. Valutazzjoni dwar jekk l-immirar huwiex se jkollu “[effett] sinifikanti simili” fuq suġġett tad-*data* jeħtieġ li titwettaq mill-kontrollur (jew kontrolluri konġunti, skont kif jista' jkun il-każ) f'kull każ b'referenza għall-fatti speċifiċi tal-immirar.
88. F'ċirkostanzi bħal dawn kif deskritti fl-Eżempju 8, il-wiri ta' reklami tal-imħatri online jista' jaqqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-GDPR (l-immirar għal persuni finanzjarjament vulnerabbli li huma interessati fl-imħatri online li għandhom il-potenzjal li jaffettwaw b'mod sinifikanti u negattiv is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom). Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 22, ikun meħtieġ kunsens espliċitu. Barra minn hekk, l-użu ta' tekniki ta' traċċar jiskatta l-applikabbiltà tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika, li jirriżulta f'rekwiżit ta' kunsens minn qabel. Fl-aħħar nett, l-EDPB ifakkar li sabiex l-ipproċessar ikun legali, il-kontrollur irid iwettaq valutazzjoni każ b'każ, u li l-kisba tal-kunsens ma tnaqqasx obbligi oħrajn biex jiġu osservati r-rekwiżiti ta' ġustizzja, neċessità, proporzjonalità u kwalità tad-*data*, kif iddikjarat fl-Artikolu 5 tal-GDPR.

6 IT-TRASPARENZA U D-DRITT TA' AĊĊESS

89. L-Artikolu 5(1)(a) tal-GDPR jiddikjara li d-*data* personali għandha tiġi pproċessata b'mod legali, ġust u trasparenti b'rabta mas-suġġett tad-*data*. L-Artikolu 5(1)(b) tal-GDPR jiddikjara wkoll li d-*data* personali għandha tinġabar għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi. L-Artikoli 12, 13 u 14 tal-GDPR fihom dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-obbligi ta' trasparenza tal-kontrollur tad-*data*. Fl-aħħar nett, il-premessa 39 tiddikjara li “għandu jkun trasparenti għall-persuni fiżiċi li fir-rigward tagħhom qiegħda tinġabar, tintuża, tiġi kkonsultata jew b'xi mod ieħor ipproċessata data personali u l-punt sa fejn id-*data* personali qiegħda tiġi pproċessata jew se tiġi pproċessata”.⁸⁹
90. L-informazzjoni ppreżentata lis-suġġetti tad-*data* fir-rigward tal-mod li bih tiġi pproċessata d-*data* personali tagħhom, għandha tkun, fil-każijiet kollha, konċiża, trasparenti, f'forma li tinftiehem u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi.
91. L-EDPB ifakkar li s-sempliċi użu tal-kelma “reklamar” ma jkunx biżżejjed biex l-utenti jiġu infurmati li l-attività tagħhom qed tiġi mmonitorjata għall-finijiet ta' reklamar immirat. Għandu jkun trasparenti għall-individwi liema tipi ta' attivitajiet ta' pproċessar jitwettqu u dan xi jfisser fil-prattika għas-suġġett tad-*data*. Is-suġġetti tad-*data* għandhom jiġu infurmati b'lingwaġġ li jinftiehem faċilment jekk profil ikun se jinbena abbażi tal-imġiba online tagħhom fuq il-pjattaforma jew fuq is-sit web tal-persuna responsabbli mill-immirar, rispettivament, mill-pjattaforma soċjali u mill-persuna responsabbli mill-immirar, billi jipprovdu informazzjoni lill-utenti dwar it-tipi ta' *data* personali miġbura biex jinbnew tali profili u, fl-aħħar mill-aħħar, jippermettu l-immirar u r-reklamar ibbażat fuq l-imġiba mill-persuni

⁸⁸ Il-Linji Gwida dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-fassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP251rev.01, p. 22.

⁸⁹ Ara wkoll il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679, WP260 rev.01, il-11 ta' April 2018, https://ec.europa.eu/newsroom/Article29/item-detail.cfm?item_id=622227

responsabbli mill-immirar.⁹⁰ L-utenti għandhom jiġu pprovduti bl-informazzjoni rilevanti direttament fuq l-iskrin, b'mod interattiv u, fejn xieraq jew meħtieġ, permezz ta' avviżi f'livelli differenti.⁹¹

6.1 L-essenza tal-arranġament u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta (l-Artikolu 26(2) tal-GDPR)

92. Skont l-Artikolu 26(1) tal-GDPR, il-kontrolluri konġunti *“għandhom b'mod trasparenti jistabbilixxu r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-konformità mal-obbligi taħt dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-data u l-kompiti rispettivi tagħhom biex jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13 u 14, permezz ta' arranġament bejniethom ħlief jekk, u sa fejn, ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-kontrolluri jkunu stabbiliti bil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li għalihom il-kontrolluri jkunu soġġetti. L-arranġament jista' jaħtar punt ta' kuntatt għas-suġġetti tad-data”*.
93. Espressjoni ulterjuri tal-prinċipju tat-trasparenza hija l-obbligu li l-essenza tal-arranġament ta' kontroll konġunt tkun disponibbli għas-suġġett tad-data skont l-Artikolu 26(2) tal-GDPR. Tabilħaqq, l-Artikolu 26 tal-GDPR jirrikjedi li l-kontrolluri konġunti jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li s-suġġetti tad-data jsiru konxji tal-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet.
94. Bħala kwistjoni ta' prinċipju, l-informazzjoni pprovduta lis-suġġett tad-data trid tkopri l-aspetti kollha tal-operazzjoni(jiet) tal-ipproċessar tad-data li għalihom il-kontrolluri konġunti huma responsabbli b'mod konġunt. Tabilħaqq, is-suġġett tad-data huwa intitolat li jirċievi l-informazzjoni kollha (inkluż rigward l-ipproċessar sussegwenti previst fejn ikun hemm kontroll konġunt) mill-bidu, sabiex l-informazzjoni tkun ġusta u xierqa. B'mod aktar preċiż, dan l-arranġament konġunt jeħtieġ li jiżgura li s-suġġett tad-data jingħata l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikoli 13 u 14 tal-GDPR, inkluż dwar il-finijiet kondiviżi jew marbuta mill-qrib tagħhom, il-perjodi ta' ħżin, it-trażmissjoni lil partijiet terzi eċċ., li jeħtieġ li jiġu kkomunikati lis-suġġett tad-data mal-ġbir tad-data jew qabel ma jibda l-ipproċessar. Jeħtieġ li l-arranġament jagħmilha ċara fejn jinsabu r-responsabbiltajiet f'dan ir-rigward. Sabiex jiġu ssodisfati dawn ir-rekwiżiti, tali arranġament irid ikun fih (jew jagħmel referenza għal) informazzjoni ċara u komprensiva fir-rigward tal-ipproċessar li miegħu jkun relatat bi spjegazzjonijiet, fejn xieraq, dwar id-diversi fażijiet u atturi tal-ipproċessar.⁹²
95. Għalkemm iż-żewġ kontrolluri konġunti huma soġġetti għad-dmir li jinformaw fejn ikun hemm responsabbiltà konġunta, huma jistgħu jaqblu b'mod reċiproku li wieħed minnhom għandu jingħata l-kompitu li jipprovdi l-informazzjoni inizjali lis-suġġetti tad-data, speċjalment f'każijiet fejn wieħed biss mill-kontrolluri jinteraġixxi mal-utenti qabel l-ipproċessar, pereżempju, fuq is-sit web tiegħu⁹³. Dan l-iskambju ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lis-suġġett tad-data għandu jkun parti integrali mill-arranġament konġunt (eż. appendiċi). F'każ li wieħed mill-kontrolluri konġunti ma jkollux l-informazzjoni kollha fid-dettall minħabba li, pereżempju, ma jkunx jaf l-eżekuzzjoni teknika eżatta tal-attivitajiet ta' proċessar, il-kontrollur konġunt l-ieħor għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikun jista' jipprovdi lis-suġġett tad-data bl-informazzjoni sħiħa f'konformità mal-Artikoli 13 u 14 tal-GDPR.
96. L-EDPB jinnota li l-kontrolluri mhumiex direttament responsabbli biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikoli 13 u 14 tal-GDPR b'rabta mal-operazzjonijiet ta' proċessar ulterjuri li ma

⁹⁰ Ref. għal-Linji Gwida tal-EDPB dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679.

⁹¹ Il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, WP259 rev. 01., il-para. 24, 35.

⁹² L-Opinjoni 1/2010 dwar il-kunċetti ta' “kontrollur” u “proċessur”, WP 169, p. 28.

⁹³ Il-QĠUE, *Fashion ID*, il-para. 102, 105.

jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' kontroll konġunt. Għalhekk, il-persuna responsabbli mill-immirar mhijiex direttament responsabbli biex tipprovdi l-informazzjoni relatata ma' kwalunkwe pproċessar ulterjuri li se jitwettagħ mill-pjattaforma tal-midja soċjali.⁹⁴

97. Madankollu, l-EDPB jenfasizza li l-kontrollur konġunt li jkollu l-ħsieb li jkompli juża d-*data* personali għandu obbligi speċifiċi ta' informazzjoni għal dan l-ipproċessar ulterjuri fejn ma jkun hemm l-ebda responsabbiltà konġunta, skont l-Artikolu 14(4) tal-GDPR, kif ukoll obbligi ta' kompatibbiltà tal-ipproċessar ulterjuri skont l-Artikolu 6(4). Pereżempju, il-persuna responsabbli mill-immirar u l-fornitur tal-midja soċjali jistgħu jaqblu li l-persuna responsabbli mill-immirar tipprovdi ċerta informazzjoni f'isem il-fornitur tal-midja soċjali. Madankollu, il-fornitur tal-midja soċjali fl-aħħar mill-aħħar jibqa' responsabbli biex jiżgura li s-suġġett tad-*data* jkun ġie pprovdut bl-informazzjoni rilevanti b'rabta mal-attivitajiet ta' pproċessar kollha taħt il-kontroll tiegħu.

Fl-Eżempju 3 (is-Sur Lopez qed jiġi mmirat għar-reklam għall-Bank X fuq il-paġna tal-midja soċjali tiegħu wara li l-Bank itella' l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu lill-fornitur tal-midja soċjali), il-Bank jeħtieġ li jinforma lis-Sur Lopez li l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu se jintuża għar-reklamar, permezz tal-fornitur tal-midja soċjali, ta' offerti marbuta mas-servizzi bankarji. Kwalunkwe pproċessar ulterjuri mill-fornitur tal-midja soċjali jrid ikun legali u kompatibbli mal-finijiet li għalihom il-Bank għabar id-*data*.

Barra minn hekk, sal-punt li l-fornitur tal-midja soċjali jkollu l-ħsieb li jipproċessa aktar il-posta elettronika tas-Sur Lopez għal skop ieħor, huwa jrid jiżgura li s-Sur Lopez jingħata l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 14(4) tal-GDPR qabel ma jagħmel dan.

Il-fornitur tal-midja soċjali u l-Bank jistgħu jaqblu li l-Bank jipprovdi lis-Sur Lopez bl-informazzjoni rilevanti f'isem il-fornitur tal-midja soċjali. Madankollu, anki jekk dan ikun il-każ, il-fornitur tal-midja soċjali fl-aħħar mill-aħħar jibqa' responsabbli biex jiżgura li s-suġġett tad-*data* jkun ingħata l-informazzjoni rilevanti b'rabta mal-attivitajiet ta' pproċessar kollha li għalihom huwa (waħdu) responsabbli. Dan l-obbligu ma japplikax jekk is-Sur Lopez ikun diġà ġie infurmat mill-Bank dwar dan l-ipproċessar, skont l-Artikolu 14(5)(a) tal-GDPR.

Dawn l-obbligi ta' trasparenza għandhom jitqiesu mingħajr preġudizzju għall-obbligi speċifiċi applikabbli għal kunsiderazzjonijiet ta' bażi ġuridika.

98. Kull kontrollur konġunt huwa responsabbli biex jiżgura li l-essenza tal-arranġament tkun disponibbli għas-suġġett tad-*data*. Fil-prattika, l-essenza tal-arranġament għandha tkun disponibbli direttament fuq il-pjattaforma, imsemmija fil-politika dwar il-privatezza, u għandha ssir ukoll direttament aċċessibbli permezz ta' link, pereżempju, fil-paġna tal-persuna responsabbli mill-immirar fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali jew f'links bħal "għaliex qed nara dan ir-reklam?".

6.2 Id-dritt ta' aċċess (l-Artikolu 15)

⁹⁴ Kif iċċarat fil-Linji Gwida 7/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti tal-kontrollur u tal-proċessar fil-GDPR, id-dmir ta' kull kontrollur kien li jiżgura li d-*data* ma tiġix ipproċessata aktar b'mod li jkun inkompatibbli mal-finijiet li għalihom tkun inġabret oriġinarjament mill-kontrollur li jikkondividi d-*data*. Għandha tkun prattika tajba li l-kontrollur li jkollu l-ħsieb li jipproċessa *data* personali għal finijiet ulterjuri jipprovdi mezzi suffiċjenti lill-kontrollur l-ieħor li jittrażmetti *data* personali biex jaċċerta li tabilħaqq hemm bażi ġuridika, li x'aktarx tkun kunsens, u s-suġġetti tad-*data* jkunu ġew infurmati kif xieraq, minħabba li dan jippermetti lill-persuna responsabbli mill-immirar tiżgura li t-trasferiment lill-fornitur tal-midja soċjali huwa legali.

99. Il-kontrolluri tad-*data* jridu jippermettu lill-utenti jeżerċitaw faċilment u bis-sħiħ id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* tagħhom. Għandha tkun disponibbli għodda effiċjenti u faċli biex tintuża għas-suġġett tad-*data* biex jiżgura l-eżerċitar faċli tad-drittijiet kollha tiegħu, fi kwalunkwe ħin, b'mod partikolari d-dritt ta' tħassir, id-dritt li wieħed joġġezzjona u d-dritt ta' aċċess skont l-Artikolu 15 tal-GDPR.⁹⁵ Il-paragrafi li ġejjin jiffokaw fuq kif u minn min għandu jiġi akkomodat id-dritt ta' aċċess fil-kuntest tal-immirar tal-utenti tal-midja soċjali.⁹⁶
100. B'mod ġenerali, biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 15(1) tal-GDPR u jiżguraw trasparenza sħiħa, il-kontrolluri jistgħu jkunu jridu jikkunsidraw l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu għas-suġġetti tad-*data* biex jivverifikaw il-profil tagħhom, inklużi d-dettalji tal-informazzjoni u s-sorsi użati għall-iżvilupp tagħha. Is-suġġett tad-*data* għandu jkun jista' jsir jaf l-identità tal-persuna responsabbli mill-immirar, u l-kontrolluri għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni rigward l-immirar, inklużi l-kriterji tal-immirar li ntużaw, kif ukoll l-informazzjoni l-oħra meħtieġa mill-Artikolu 15 tal-GDPR.⁹⁷
101. Fir-rigward tat-tip ta' aċċess li għandu jiġi pprovdut lis-suġġetti tad-*data*, il-premessa 63 tirrakkomanda li *“[f]ejn possibbli, il-kontrollur għandu jkun jista' jipprovdi aċċess mill-bogħod għal sistema sikura li tipprovdi lis-suġġett tad-*data* b'aċċess dirett għad-*data* personali tiegħu.”* Il-karatteristiċi speċifiċi tal-fornituri tal-midja soċjali - l-ambjent online, l-eżistenza ta' kont ta' utent - jissuġġerixxu l-possibbiltà li s-suġġett tad-*data* jingħata faċilment aċċess mill-bogħod għad-*data* personali li tikkonċernah f'konformità mal-Artikolu 15(1), (2) tal-GDPR. F'dan il-każ, l-aċċess mill-bogħod jista' jitqies bħala l-aktar “miżura xierqa” fis-sens tal-Artikolu 12(1) tal-GDPR, filwaqt li jitqies ukoll il-fatt li din hija sitwazzjoni tipika “fejn il-proliferazzjoni ta' atturi u l-kumplessità teknoloġika tal-prattika jagħmluha diffiċli għas-suġġett tad-*data* li jkun jaf u jifhem jekk hijiex, minn min u għal liema għan qed tinġabar *data* personali dwaru” (ara l-premessa 58, li żżid espliċitament “reklamar online” bħala eżempju konkret). Barra minn hekk, jekk jintalbu, l-utenti tal-midja soċjali li jkunu ġew immirati għandhom jingħataw ukoll kopja tad-*data* personali relatata magħhom f'konformità mal-Artikolu 15(3) tal-GDPR.
102. Skont l-Artikolu 15(1)(c) tal-GDPR, l-utent għandu jkollu aċċess, b'mod partikolari, għal informazzjoni dwar *“ir-riċevituri jew il-kategoriji ta' riċevituri li lilhom tkun ġiet jew se tiġi divulgata d-*data* personali, b'mod partikolari riċevituri f'pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali”*. Skont l-Artikolu 4(9), it-terminu “riċevitur” jirreferi għal persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor, li lilhom tiġi ddivulgata d-*data* personali, kemm jekk huma parti terza kif ukoll jekk le. Persuna responsabbli mill-immirar mhux neċessarjament tkun “riċevitur” tad-*data* personali (ara l-Eżempju 1), billi d-*data* personali tista' ma tiġix iddivulgata lilha, iżda hija tirċievi statistika tal-klijenti fil-mira f'forma aggregata jew anonimizzata, eż. bħala parti mill-kampanja tagħha, jew f'rieżami tal-prestazzjoni tal-istess. Madankollu, sal-punt li l-persuna responsabbli mill-immirar tagħxi bħala kontrollur konġunt, hija trid tiġi identifikata bħala tali lill-utent tal-midja soċjali.

⁹⁵ L-Artikolu 15(1), (2) tal-GDPR jagħti dettalji dwar l-informazzjoni li għandha tingħata lis-suġġett tad-*data* li jitlob aċċess għad-*data* tiegħu. L-Artikolu 15(3), (4) tal-GDPR jirregola d-dritt li tinkiseb kopja.

⁹⁶ Ara l-Linji Gwida tal-EDPB dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679, p. 35.

⁹⁷ Għal aktar dettalji rigward l-informazzjoni skont l-Art. 15 tal-GDPR fil-kuntest tat-tfassil tal-profil, ara l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, WP 251rev.01, p. 17 għal (*“L-Artikolu 15 jagħti lis-suġġett tad-*data* d-dritt li jkiseb dettalji ta' kwalunkwe *data* personali użata għat-tfassil tal-profil, inklużi l-kategoriji ta' *data* li jintużaw biex jinbena profil. Minbarra l-informazzjoni ġenerali dwar l-ipproċessar, skont l-Artikolu 15(3), il-kontrollur għandu dmir li jagħmel disponibbli d-*data* użata bħala input biex jinħoloq il-profil, kif ukoll l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-profil u d-dettalji ta' liema segmenti tqiegħed fihom is-suġġett tad-*data*”).* Huwa importanti li tali informazzjoni għandha titfassal għas-sitwazzjoni partikolari tas-suġġett tad-*data*, filwaqt li tikkomplementa kwalunkwe informazzjoni diġà mogħtija skont l-Artikoli 1 u 14.

103. Għalkemm l-Artikolu 15 tal-GDPR mhuwiex identifikat b'mod espliċitu fl-Artikolu 26(1) tal-GDPR, il-kliem ta' dan l-Artikolu jirreferi għar-“responsabbiltajiet għall-konformità” kollha skont il-GDPR, li jinkludi l-Artikolu 15 tal-GDPR.
104. Sabiex is-suġġetti tad-*data* jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv u faċilment aċċessibbli, l-arranġament bejn il-fornitur tal-midja soċjali u l-persuna responsabbli mill-immirar jista' jinnomina punt ta' kuntatt waħdieni għas-suġġetti tad-*data*. Fil-prinċipju, il-kontrolluri konġunti huma liberi li jiddeterminaw bejniethom min għandu jkun inkarigat biex iwieġeb għat-talbiet tas-suġġett tad-*data* u jikkonforma magħhom, iżda ma jistgħux jeskludu l-possibbiltà li s-suġġett tad-*data* jeżerċita d-drittijiet tiegħu kontra u fir-rigward ta' kull wieħed minnhom (l-Artikolu 26(3) tal-GDPR). B'hekk, il-persuni responsabbli mill-immirar u l-fornituri tal-midja soċjali jridu jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmu xieraq biex is-suġġetti tad-*data* jkunu jistgħu jiksbu aċċess għad-*data* personali tagħhom b'mod faċli għall-utenti (inklużi l-kriterji tal-immirar użati) u l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-Artikolu 15 tal-GDPR.

7 VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT FUQ IL-PROTEZZJONI TAD-DATA (DPIA)

105. Fil-prinċipju, qabel ma jibdew l-operazzjonijiet ta' mmirar previsti, iż-żewġ kontrolluri konġunti għandhom jivverifikaw il-lista ta' operazzjonijiet ta' pproċessar “li x'aktarx jirriżultaw f'riskju għoli” adottata fil-livell nazzjonali skont l-Artikolu 35(4) u l-premessi (71), (75) u (91) tal-GDPR biex jiddeterminaw jekk l-immirar magħżul jaqbilx ma' kwalunkwe wieħed mit-tipi ta' operazzjonijiet ta' pproċessar soġġetti għar-rekwiżit li titwettaq DPIA. Sabiex jiġi vvalutat jekk l-operazzjonijiet ta' mmirar previsti humiex “probabbli li jirriżultaw f'riskju għoli” u jekk hijiex meħtieġa DPIA, għandhom jitqiesu wkoll il-kriterji identifikati fil-linji gwida dwar id-DPIA⁹⁸, kif ukoll il-listi stabbiliti mill-awtoritajiet superviżorji tat-tip ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li huma soġġetti għar-rekwiżit għal valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (skont l-Artikolu 35(4)).
106. F'xi każijiet, in-natura tal-prodott jew tas-servizz irreklatat, il-kontenut tal-messaġġ jew il-mod kif jitwassal ir-reklam jistgħu jipproduċu effetti fuq individwi li l-impatt tagħhom għandu jiġi vvalutat aktar. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, bi prodotti li huma mmirati għal persuni vulnerabbli. Jistgħu jinħolqu riskji addizzjonali, skont il-finijiet tal-kampanja ta' reklamar u kemm tkun intrużiva, jew jekk l-immirar jinvolti l-ipproċessar ta' *data* personali osservata, inferita jew derivata.
107. Minbarra l-obbligi msemmija speċifikament fl-Artikolu 26(1) tal-GDPR, il-kontrolluri konġunti għandhom jikkunsidraw ukoll obbligi oħrajn meta jiddeterminaw l-obbligi rispettivi tagħhom. Kif iddikjarat fil-linji gwida tal-EDPB dwar id-DPIAs “Meta l-operazzjoni ta' pproċessar tinvolvi kontrolluri konġunti, dawn jeħtieġ li jiddefinixxu l-obbligi rispettivi tagħhom b'mod preċiż”.
108. B'konsegwenza ta' dan, iż-żewġ kontrolluri konġunti jeħtieġ li jivvalutaw jekk hijiex meħtieġa DPIA. Jekk tkun meħtieġa DPIA, dawn it-tnejn ikunu responsabbli biex jissodisfaw dan l-obbligu. L-EDPB ifakkar li d-DPIA għandha tindirizza l-ipproċessar kollu tad-*data* personali, li jfisser li, fil-prinċipju, iż-żewġ kontrolluri konġunti jeħtieġ li jieħdu sehem fit-twettiq tad-DPIA. F'dan il-kuntest, iż-żewġ kontrolluri jeħtieġ li jiżguraw li jkollhom livell suffiċjenti ta' informazzjoni dwar l-ipproċessar biex iwettqu d-DPIA meħtieġa.⁹⁹ Dan jimplika li “kull kontrollur tad-*data* għandu jesprimi l-ħtiġijiet tiegħu u jikkondividi

⁹⁸ Ara l-Linji Gwida tal-EDPB dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA) u d-determinazzjoni ta' jekk l-ipproċessar “huwiex probabbli li jirriżulta f'riskju għoli” għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, wp248rev.0.

⁹⁹ L-EDPB itenni li ma tkunx meħtieġa DPIA meta n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest u l-finijiet tal-ipproċessar ikunu simili ħafna għall-ipproċessar li għalih tkun twettqet id-DPIA. F'każijiet bħal dawn, jistgħu

informazzjoni utli mingħajr ma jikkomprometti s-sigrieti (eż.: il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, tal-proprjetà intellettuali, tal-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali) jew jiddivulga l-vulnerabbiltajiet”.¹⁰⁰

109. Fil-prattika, huwa possibbli li l-kontrolluri konġunti jiddeċiedu li wieħed minnhom għandu jiġi inkarigat biex iwettaq id-DPIA bħala tali. Dan għandu mbagħad jiġi speċifikat fl-arranġament konġunt, mingħajr preġudizzju għall-eżistenza ta’ responsabbiltà konġunta bħala tali. Tabilħaqq, jista’ jkun li wieħed mill-kontrolluri jkun f’pożizzjoni aħjar biex jivvaluta ċerti operazzjonijiet ta’ pproċessar. Pereżempju, dan il-kontrollur jista’, skont il-kuntest, ikun dak bi grad ogħla ta’ kontroll u għarfien tal-proċess ta’ mmirar, b’mod partikolari fuq il-‘back-end’ tas-sistema skjerata, jew fuq il-mezzi tal-ipproċessar.
110. Kull DPIA trid tinkludi l-miżuri previsti biex jindirizzaw ir-riskji, inklużi salvagwardji, miżuri ta’ sigurtà u mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-protezzjoni ta’ *data* personali, u biex tintwera l-konformità mal-GDPR, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet u l-interessi leġittimi tas-suġġetti tad-*data* u ta’ persuni oħrajn ikkonċernati. Jekk ir-riskji identifikati ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati b’mod suffiċjenti (jiġifieri r-riskji residwi jibqgħu għoljin), kull wieħed mill-kontrolluri konġunti jkun responsabbli biex jiżgura li ssir konsultazzjoni minn qabel mal-awtoritajiet superviżorji rilevanti. Jekk l-immirar jikser il-GDPR, b’mod partikolari minħabba li r-riskji ma jkunux ittaffew jew ġew identifikati biżżejjed, l-immirar ma għandux iseħħ.

Eżempju 9:

Il-partit politiku “Letschangetheworld” jixtieq iħeġġeġ lill-utenti tal-midja soċjali biex jivvotaw għal kandidat politiku partikolari fl-elezzjonijiet li ġejjin. Huma jixtiequ jimmiraw għal persuni anzjani li jgħixu f’żoni rurali tal-pajjiż, li jmorru l-knisja regolarment, u li ma vvaġġawx barra mill-pajjiż f’dawn l-aħħar sentejn.

111. Hemm kontroll konġunt bejn il-pjattaforma tal-midja soċjali u l-partit politiku, għat-tqabbil tal-profil u għall-wiri tar-reklam immirat. Il-valutazzjoni ta’ jekk hijiex meħtieġa DPIA jeħtieġ li titwettaq kemm mill-partit politiku Letschangetheworld kif ukoll mill-pjattaforma tal-midja soċjali. Tabilħaqq, f’dan l-eżempju, it-tnejn li huma għandhom għarfien suffiċjenti dwar il-kriterji li qed jintużaw biex jimmiraw għall-individwi sabiex jaraw li l-ipproċessar x’aktarx jirriżulta f’riskju għoli.
112. Jekk tkun meħtieġa DPIA, l-arranġament konġunt għandu jindirizza l-kwistjoni ta’ kif il-kontrolluri għandhom iwettquha u jiżguraw li jsir skambju ta’ għarfien rilevanti. F’dan l-eżempju, jista’ jkun li l-pjattaforma tal-midja soċjali tkun f’pożizzjoni aħjar biex tivvaluta ċerti operazzjonijiet ta’ pproċessar, sa fejn il-partit politiku sempliċement jagħżel kriterji ta’ mmirar ġenerali.

8 KATEGORIJI SPEĊJALI TA’ DATA

8.1 X’jikkostitwixxi kategorija speċjali ta’ data

113. Il-GDPR jipprovdi protezzjoni speċifika għad-*data* personali li hija partikolarment sensitiva b’rabta mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi. Tali *data* hija definita fl-Artikolu 9 tal-GDPR

jintużaw ir-riżultati tad-DPIA għal ipproċessar simili, ara l-Linji Gwida tal-Grupp ta’ Hídma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA) u d-determinazzjoni ta’ jekk l-ipproċessar huwiex “probabbli li jirriżulta f’riskju għoli” għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP 248 rev.01, p. 12.

¹⁰⁰ *Idem*, il-paġna 8.

bħala kategoriji speċjali ta' *data* personali u tinkludi *data* dwar is-saħħa, l-oriġini razzjali jew etnika, il-bijometrija, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trade union, il-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' individwu.

114. Il-kontrolluri jistgħu jipproċessaw biss kategoriji speċjali ta' *data* jekk ikunu jistgħu jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(2) tal-GDPR, bħal li jkunu kisbu l-kunsens espliċitu tas-suġġett tad-*data* jew li d-*data* tkun saret pubblika b'mod ċar mis-suġġett tad-*data*. Minbarra l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 9 tal-GDPR, l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* jrid jiddependi fuq bażi ġuridika stabbilita fl-Artikolu 6 tal-GDPR u jitwettagħ f'konformità mal-prinċipji fundamentali stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-GDPR.
115. Barra minn hekk, l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali huwa rilevanti meta jiġu vvalutati miżuri xierqa skont l-Artikoli 24, 25, 28 u 32 tal-GDPR, iżda wkoll biex jiġi ddeterminat jekk DPIA għandhiex titwettagħ skont l-Artikolu 35 tal-GDPR, u jekk għandux jinħatar uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 37 tal-GDPR.
116. Fil-kuntest tal-midja soċjali u tal-immirar, huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk l-ipproċessar tad-*data* personali jinvolvi "kategoriji speċjali ta' *data*" u jekk tali *data* tiġix ipproċessata mill-fornitur tal-midja soċjali, mill-persuna responsabbli mill-immirar jew mit-tnejn. Jekk jiġu pproċessati kategoriji speċjali ta' *data* personali, irid jiġi ddeterminat jekk u taħt liema kundizzjonijiet il-fornitur tal-midja soċjali u l-persuna responsabbli mill-immirar jistgħu jipproċessaw legalment tali *data*.
117. Jekk il-fornitur tal-midja soċjali jipproċessa l-kategorija speċjali ta' *data* għal finijiet ta' mmirar, huwa jrid isib bażi ġuridika għall-ipproċessar fl-Artikolu 6 tal-GDPR u jiddependi fuq eżenzjoni fl-Artikolu 9(2) tal-GDPR, bħal kunsens espliċitu skont l-Artikolu 9(2)(a) tal-GDPR. Jekk persuna responsabbli mill-immirar tinvolvi fornitur tal-midja soċjali u titlob li l-fornitur tal-midja soċjali jimmira għall-utenti abbażi ta' din il-kategorija speċjali ta' *data*, il-persuna responsabbli mill-immirar tkun responsabbli b'mod konġunt mal-fornitur tal-midja soċjali għall-ipproċessar tad-*data* ta' kategorija speċjali.
118. L-analiżi legali li ġejja se tesplora sitwazzjonijiet differenti meta jista' jseħħ tali pproċessar u l-implikazzjonijiet legali tagħhom.

8.1.1 Kategoriji speċjali espliċiti ta' *data*

119. Xi drabi, id-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata taqa' b'mod ċar fid-definizzjoni ta' kategoriji speċjali ta' *data*, eż. fil-każ ta' dikjarazzjoni diretta dwar persuna li tkun membru ta' partit politiku jew assoċjazzjoni reliġjuża partikolari.

Eżempju 10:

Is-Sa. Flora tiddikjara b'mod espliċitu fil-profil tal-midja soċjali tagħha li hija membru tal-partit politiku GreenestPlanet. L-organizzazzjoni ambjentali "Long live the Earth" trid timmira għall-utenti tal-midja soċjali li huma membri tal-partit politiku GreenestPlanet sabiex tindirizza messaġġi mmirati lilhom.

120. Fl-Eżempju 10, il-fornitur tal-midja soċjali u l-organizzazzjoni ambjentali qed jaġixxu bħala kontrolluri konġunti.¹⁰¹ Sa fejn l-organizzazzjoni ambjentali titlob lill-fornitur tal-midja soċjali biex jimmira għall-utenti abbażi tal-opinjoni politika tagħhom, iż-żewġ kontrolluri jikkontribwixxu għall-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* kif definit mill-Artikolu 9 tal-GDPR. Fil-prinċipju, l-ipproċessar ta' din id-*data* huwa pprojbit skont l-Artikolu 9(1). Għalhekk, kemm il-fornitur tal-midja soċjali kif ukoll l-organizzazzjoni ambjentali jridu jkunu jistgħu jistrieħu fuq waħda mill-eżenzjonijiet fl-Artikolu 9(2) għall-ipproċessar tagħha. Barra minn hekk, it-tnejn li huma jrid ikollhom ukoll bażi ġuridika skont l-

¹⁰¹ Ara l-analiżi fil-Kapitolu 5.2.1.

Artikolu 6. Mill-eżenzjonijiet fl-Artikolu 9(2), jidher li l-uniċi eżenzjonijiet applikabbli f'din is-sitwazzjoni jkunu li jinkiseb il-kunsens espliċitu tas-suġġett tad-*data*, skont l-Artikolu 9(2)(a) tal-GDPR, jew l-eżenzjoni li s-Sa. Flora manifestament għamlet id-*data* personali pubblika, skont l-Artikolu 9(2)(e) tal-GDPR.

8.1.2 Kategoriji speċjali inferiti u kkombinati ta' *data*

121. Is-suppożizzjonijiet jew l-inferenzi rigward kategorija speċjali ta' *data*, pereżempju, li persuna x'aktarx tivvota għal partit partikolari wara li żżur paġna li tippriedka opinjonijiet liberali, jikkostitwixxu wkoll kategorija speċjali ta' *data* personali. Bl-istess mod, kif iddikjarat qabel mill-EDPB, *"it-tfassil tal-profil jista' joħloq kategorija speċjali ta' data permezz ta' inferenza minn data li mhijiex kategorija speċjali ta' data fiha nnifisha, iżda li ssir hekk meta tiġi kkombinata ma' data oħra. Pereżempju, jista' jkun possibbli li wieħed jinferixxi l-istat ta' saħħa ta' persuna mir-rekords tax-xiri tal-ikel tagħha flimkien ma' data dwar il-kwalità u l-kontenut tal-enerġija tal-ikel"*.¹⁰²
122. Pereżempju, l-ipproċessar ta' sempliċi dikjarazzjoni, jew ta' biċċa waħda ta' *data* dwar il-post jew *data* simili, li jiżvela li utent (darba jew fi ftit okkażjonijiet) żar post li tipikament iżuruh persuni b'ċertu twemmin reliġjuż, ġeneralment fih u minnu nnifsu ma jitqiesx bħala pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*. Madankollu, jista' jitqies bħala pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* jekk din id-*data* tiġi kkombinata ma' *data* oħra jew minħabba l-kuntest li fih tiġi pproċessata d-*data* jew il-finijiet li għalihom tkun qed tintuża.

Eżempju 11:

Il-profil fuq il-kont tal-midja soċjali tas-Sur Novak jiżvela biss informazzjoni ġenerali bħall-isem u d-domiċilju tiegħu, iżda aġġornament tal-istatus jiżvela li huwa żar il-Knisja tal-Belt ta' spiss, fejn attenda servizz reliġjuż. Aktar tard, il-Knisja tal-Belt trid timmira għall-viżitaturi tagħha b'messaġġi reliġjużi sabiex tteġġegħ lill-Insara jissieħbu fil-kongregazzjoni. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-użu ta' *data* personali fl-aġġornament tal-istatus tas-Sur Novak għal tali finijiet ta' mmirar jammonta għall-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali.

123. Jekk fornitur tal-midja soċjali jew persuna responsabbli mill-immirar jużaw id-*data* osservata biex jikkategorizzaw lill-utenti bħala li għandhom ċertu twemmin reliġjuż, filosofiku jew politiku - irrISPettivament minn jekk il-kategorizzazzjoni hijiex korretta/vera jew le - din il-kategorizzazzjoni tal-utent ovvjament trid titqies bħala l-ipproċessar ta' kategorija speċjali ta' *data* personali f'dan il-kuntest. Sakemm il-kategorizzazzjoni tippermetti l-immirar abbażi ta' *data* ta' kategorija speċjali, ma tagħmilx differenza kif tiġi ttikkettata l-kategorija.

Eżempju 12:

Is-Sur Sifuentes jipprovdni informazzjoni fil-profil tal-midja soċjali tiegħu fil-forma ta' aġġornamenti regolari tal-istatus, check-ins, eċċ., li jindikaw li huwa jieħu sehem regolarment f'attivitajiet organizzati mill-hekk imsejjaħ "Mind, Body and Spirit Movement". Minkejja li ma tiġi pprovduta l-ebda dikjarazzjoni espliċita dwar it-twemmin filosofiku, l-aġġornamenti, il-'likes', iċ-'check-ins' u d-*data* simili kollha pprovduti mill-utent, meta jinġabru, jindikaw bil-qawwa li s-Sur Sifuentes għandu ċertu twemmin filosofiku.

Eżempju 13:

¹⁰² Il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP251rev.01, il-paġna 15.

Fornitur tal-midja soċjali juża l-informazzjoni pprovduta b'mod attiv mis-Sa. Allgrove fuq il-paġna tal-profil tal-midja soċjali tagħha dwar l-età, l-interessi u l-indirizz tagħha u jikkombinaha mad-*data* osservata dwar is-siti web miżjura minnha u l-'likes' tagħha fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali. Il-fornitur tal-midja soċjali juża d-*data* biex jinferixxi li s-Sa. Allgrove hija sostenitriċi tal-politika liberali tax-xellug u jpoġġiha fil-kategorija tal-immirar "interessata fil-politika liberali tax-xellug", u jagħmel din il-kategorija disponibbli għall-persuni responsabbli mill-immirar għar-reklamar immirat.

124. Fl-Eżempju 12, l-informazzjoni vasta u n-nuqqas ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-immirar abbażi ta' *data* ta' kategorija speċjali jimplikaw li qed iseħħ ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*. Madankollu, is-sempliċi fatt li fornitur tal-midja soċjali jipproċessa ammonti kbar ta' *data* li potenzjalment jistgħu jintużaw biex jinferixxu kategoriji speċjali ta' *data* ma jfissirx awtomatikament li l-ipproċessar jaq' taħt l-Artikolu 9 tal-GDPR. L-Artikolu 9 mhux se jiġi skattat jekk l-ipproċessar tal-fornitur tal-midja soċjali ma jirriżultax f'inferenza ta' kategoriji speċjali ta' *data* u l-fornitur tal-midja soċjali jkun ħa miżuri biex jipprevjeni li tali *data* tista' tiġi inferita jew użata għall-immirar. Fi kwalunkwe każ, l-ipproċessar ta' ammont kbir ta' *data* personali dwar l-utenti jista' jinvolvi riskji speċifiċi għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, li għandhom jiġu indirizzati bl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà xierqa, kif preskritti skont l-Artikolu 32 tal-GDPR, kif ukoll billi jitqies l-eżitu tad-DPIA li għandha titwettaq skont l-Artikolu 35 tal-GDPR.
125. Fl-Eżempju 13, l-offerta kif ukoll l-użu tal-kategorija ta' mmirar "interessati fil-politika liberali tax-xellug" jammontaw għall-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*, billi din il-kategorija tista' tintuża faċilment bħala indikatur biex jiġu mmirati individwi li għandhom twemmin politiku liberali tax-xellug. Billi jassenja opinjoni politika inferita lil utent, il-fornitur tal-midja soċjali jipproċessa kategoriji speċjali ta' *data*. Għall-fini tal-Artikolu 9 tal-GDPR, mhuwiex rilevanti jekk l-utent fil-fatt huwiex sostenitur tal-politika liberali tax-xellug. Lanqas ma huwa rilevanti li l-kategorija ta' mmirar tissejjaħ "interessati fi..." u mhux "sostenituri ta'...", billi l-utent jitqiegħed fil-kategorija ta' mmirar abbażi tal-interessi politiċi inferiti.

Eżempju 14:

Is-Sur Svenson jagħmel test tal-aptitudni tal-karriera, li jinkludi evalwazzjoni psikoloġika, żviluppat mill-kumpanija "YourPerfectJob", li jitpoġġa disponibbli fuq pjattaforma tal-midja soċjali u jagħmel użu mill-Interfaċċa għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet (API) ipprovduta mill-fornitur tal-midja soċjali. YourPerfectJob tiġbor *data* dwar l-edukazzjoni, l-istatus tal-impjieg, l-età, il-passatempjiet, il-posts, l-indirizz tal-posta elettronika u l-konnessjonijiet tas-Sur Svenson. YourPerfectJob tikseb id-*data* permezz tal-API f'konformità mal-"permessi" mogħtija mis-Sur Svenson permezz tal-kont tal-midja soċjali tiegħu. L-iskop iddikjarat tal-applikazzjoni huwa li jitbassar xi jkun l-aħjar perkors tal-karriera għal utent speċifiku.

Mingħajr l-għarfien jew l-approvazzjoni tal-fornitur tal-midja soċjali, YourPerfectJob tuża din l-informazzjoni biex tinferixxi għadd ta' aspetti personali, inklużi l-karatteristiċi tal-personalità, il-profil psikoloġiku u t-tweemmin politiku tiegħu. YourPerfectJob aktar tard tiddeċiedi li tuża din l-informazzjoni biex timmira għas-Sur Svenson f'isem partit politiku, billi tuża l-karatteristika ta' mmirar abbażi tal-posta elettronika tal-fornitur tal-midja soċjali, mingħajr ma żżid xi kriterji ta' mmirar oħrajn offriti mill-fornitur tal-midja soċjali.

Fl-Eżempju 14, il-persuna responsabbli mill-immirar tipproċessa kategoriji speċjali ta' *data* personali, filwaqt li l-fornitur tal-midja soċjali ma jagħmilx dan. Tabilħaqq, il-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tat-

twemmin politiku tas-Sur Svenson iseħħu mingħajr l-involvement tal-fornitur tal-midja soċjali.¹⁰³ Minbarra l-iskattar tal-projbizzjoni ġenerali tal-Artikolu 9 tal-GDPR, l-immirar imsemmi fl-Eżempju 14 jikkostitwixxi wkoll ksur tar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-ġustizzja, it-trasparenza u l-limitazzjoni tal-iskop. Tabilħaqq, is-Sur Svenson mhuwix infurmat kif xieraq dwar il-fatt li d-*data* personali relatata miegħu se tiġi pproċessata għal immirar politiku li, barra minn hekk, ma jidhirx kompatibbli ma' test tal-aptitudni tal-karriera.

126. Filwaqt li l-attivitajiet ta' pproċessar tal-fornitur tal-midja soċjali fl-Eżempju 14 ma jammontawx għall-iproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tal-GDPR, il-fornitur tal-midja soċjali huwa responsabbli għall-integrazzjoni tas-salvagwardji meħtieġa fl-iproċessar sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-GDPR u jiġu protetti d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* f'konformità mal-Artikoli 24 u 25 tal-GDPR.

8.2 L-eċċezzjoni tal-Artikolu 9(2) ta' kategoriji speċjali ta' *data* magħmula manifestament pubblika

127. L-Artikolu 9(2)(e) tal-GDPR jippermetti l-iproċessar ta' kategorija speċjali ta' *data* f'każijiet fejn id-*data* tkun ġiet magħmula manifestament pubblika mis-suġġett tad-*data*. Il-kelma "manifestament" timplika li jrid ikun hemm limitu għoli biex wieħed jistrieħ fuq din l-eżenzjoni. L-EDPB jinnota li l-preżenza ta' element wieħed mhux dejjem tista' tkun biżżejjed biex jiġi stabbilit li d-*data* ġiet magħmula "manifestament" pubblika mis-suġġett tad-*data*. Fil-prattika, jista' jkun meħtieġ li tiġi kkunsidrata kombinazzjoni tal-elementi li ġejjin jew ta' elementi oħrajn biex il-kontrolluri jkunu jistgħu juru li s-suġġett tad-*data* jkun wera b'mod ċar l-intenzjoni li jagħmel id-*data* pubblika, u tkun meħtieġa valutazzjoni każ b'każ. L-elementi li ġejjin jistgħu jkunu rilevanti biex jgħinu jinformaw din il-valutazzjoni:

(i) is-settings prestabbiliti tal-pjattaforma tal-midja soċjali (jiġifieri jekk is-suġġett tad-*data* jkunx ħa azzjoni speċifika biex ibiddel dawn is-settings privati prestabbiliti f'dawk pubbliċi); jew

(ii) in-natura tal-pjattaforma tal-midja soċjali (jiġifieri jekk din il-pjattaforma hijiex intrinsikament marbuta mal-idea ta' konnessjoni ma' konnoxxenzi mill-qrib tas-suġġett tad-*data* jew il-ħolqien ta' relazzjonijiet intimi (bħal pjattaformi għat-tlaqqiġ tal-koppji online), jew jekk hijiex maħsuba biex tipprovdi kamp ta' applikazzjoni usa' ta' relazzjonijiet interpersonali, bħal relazzjonijiet professjonali, jew mikrobloggjar, kondiviżjoni tal-midja, pjattaformi soċjali għall-kondiviżjoni ta' rieżamijiet online, eċċ.); jew

(iii) l-aċċessibilità tal-paġna fejn tiġi ppubblikata d-*data* sensittiva (jiġifieri jekk l-informazzjoni hijiex aċċessibbli għall-pubbliku jew jekk, pereżempju, il-ħolqien ta' kont huwix meħtieġ qabel ma tiġi aċċessata l-informazzjoni); jew

¹⁰³ Fl-Eżempju 14, ma hemm l-ebda kontroll konġunt bejn il-fornitur tal-midja soċjali u YourPerfectJob fil-mument tal-ġbir ta' *data* personali, minħabba li huma ma jiddeterminawx b'mod konġunt il-finijiet tal-ġbir u l-iproċessar sussegwenti jew ulterjuri tad-*data* personali għall-finijiet ta' YourPerfectJob f'dan l-istadju tal-iproċessar. L-EDPB jixtieq ifakkar li l-analiżi dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet jeħtieġ li ssir fuq bażi ta' każ b'każ, u li l-konklużjoni dwar dan l-eżempju speċifiku hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe xogħol ulterjuri li jista' jitwettaq mill-EDPB fuq l-APIs. Ovvjament, is-sitwazzjoni tkun differenti jekk il-fornitur tal-midja soċjali, minbarra li jagħmel id-*data* personali disponibbli, ikun ipparteċipa wkoll fid-determinazzjoni tal-fini segwit minn YourPerfectJob. Fi kwalunkwe każ, għadu jeżisti kontroll konġunt bejn il-persuna responsabbli mill-immirar u l-fornitur tal-midja soċjali fir-rigward tal-użu ta' mmirar ibbażat fuq il-lista.

(iv) il-viżibbiltà tal-informazzjoni fejn is-suġġett tad-*data* jiġi infurmat dwar in-natura pubblika tal-informazzjoni li jipubblika (jiġifieri jekk hemmx, pereżempju, strixxun kontinwu fuq il-paġna, jew jekk il-buttna għall-pubblikazzjoni tinformax lis-suġġett tad-*data* li l-informazzjoni se ssir pubblika...); jew

(v) jekk is-suġġett tad-*data* jkunx ipubblika d-*data* sensittiva huwa stess, jew jekk minflok id-*data* tkunx għet ipubblikata minn parti terza (eż. ritratt ipubblikat minn ħabib li jżvela *data* sensittiva) jew inkella inferita.

128. L-EDPB jinnota li l-preżenza ta' element wieħed mhux dejjem tista' tkun biżżejjed biex jiġi stabbilit li d-*data* għet magħmula "manifestament" pubblika mis-suġġett tad-*data*. Fil-prattika, jista' jkun meħtieġ li tiġi kkunsidrata kombinazzjoni tal-elementi li ġejjin jew ta' elementi oħrajn biex il-kontrolluri jkun jistgħu juru li s-suġġett tad-*data* jkun wera b'mod ċar l-intenzjoni li jagħmel id-*data* pubblika.

Eżempju 15:

Is-Sur Jansen fetaħ kont fuq pjattaforma tal-midja soċjali tal-mikrobloggjar. Waqt li kien qed jikkompleta l-profil tiegħu, huwa indika li huwa omosesswali. Billi huwa konservattiv, huwa għażel li jissieħeb fi gruppi konservattivi, minħabba li kien infurmat waqt li kien qed jabbona li l-messaġġi li jiskambja fuq il-pjattaforma huma pubbliċi. Partit politiku konservattiv jixtieq jimmira għal persuni li jikkondividu l-istess affiljazzjonijiet politiċi u orjentazzjoni sesswali bħas-Sur Jansen bl-użu tal-għodod ta' mmirar fuq il-midja soċjali.

129. Minħabba li l-orjentazzjoni sesswali tal-membri hija awtomatikament "privata" u li s-Sur Jansen ma ħa l-ebda pass biex jagħmilha pubblika, hija ma tistax titqies bħala li manifestament saret pubblika. Barra minn hekk, id-*data* relatata mal-affiljazzjoni politika tiegħu ma saritx manifestament pubblika, minkejja (i) in-natura tal-pjattaforma tal-midja soċjali tal-mikrobloggjar, li hija maħsuba biex tikkondividi informazzjoni mal-pubbliku ġenerali, u (ii) il-fatt li huwa ġie infurmat dwar in-natura pubblika tal-messaġġi li jipubblika fuq il-fora. Barra minn hekk, għalkemm issieħeb f'fora pubbliċi relatati mal-konservattiviżmu, huwa ma jistax jiġi mmirat abbażi ta' din id-*data* sensittiva, minħabba li hija l-pjattaforma tal-midja soċjali li tagħmel deduzzjoni fuq l-affiljazzjoni politika tas-Sur Jansen, u ma kinitx l-intenzjoni speċifika tas-suġġett tad-*data* li jagħmel din id-*data* manifestament pubblika, aktar u aktar li din id-deduzzjoni tista' tirriżulta f'waħda falza. Għalhekk, huwa ma jistax jiġi mmirat abbażi ta' *data* dwar l-affiljazzjoni politika. Fi kliem ieħor, iċ-ċirkostanzi f'kull każ speċifiku għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk id-*data* tkunx saret pubblika b'mod ċar mis-suġġett tad-*data*.¹⁰⁴

9 KONTROLL KONĠUNT U RESPONSABBILTÀ

9.1 Arranġament ta' kontrollur konġunt u determinazzjoni tar-responsabbiltajiet (l-Art. 26 tal-GDPR)

130. L-Artikolu 26(1) tal-GDPR jesiġi li l-kontrolluri konġunti jiddeterminaw – b'mod trasparenti – ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-konformità mal-obbligi tal-GDPR f'arranġament, inklużi, kif spjegat hawn fuq, ir-rekwiżiti għat-trasparenza.

¹⁰⁴ Id-WP29 iċċara fl-Opinjoni tiegħu dwar xi kwistjonijiet ewlenin tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi (WP 258, 29/11/2017, p. 10) li l-espressjoni "magħmula pubblika b'mod ċar mis-suġġett tad-*data*" għandha tiġi interpretata bħala li timplika li s-suġġett tad-*data* kien konxju li d-*data* rispettiva se tkun disponibbli għall-pubbliku, jiġifieri għal kulħadd, inklużi l-awtoritajiet; għalhekk, "F'każ ta' dubju, għandha tiġi applikata interpretazzjoni stretta...".

131. F'termini ta' kamp ta' applikazzjoni, l-EDPB iqis li l-arranġament bejn il-persuni responsabbli mill-immirar u l-fornituri tal-midja soċjali għandu jinkludi l-operazzjonijiet ta' pproċessar kollha li għalihom huma responsabbli b'mod konġunt (jiġifieri li huma taħt il-kontroll konġunt tagħhom). Billi jikkonkludu l-arranġament li jkun biss superfiċjali u mhux komplut, il-persuni responsabbli mill-immirar u l-fornituri tal-midja soċjali jkunu qed jiksru n-nuqqas ta' konformità mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 26 tal-GDPR.

Pereżempju, fl-Eżempju 4, l-arranġament għandu jkopri l-ipproċessar kollu tad-*data* personali fejn ikun hemm kontroll konġunt, jiġifieri mill-ġbir tad-*data* personali fil-kuntest taż-żjara mis-Sur Schmidt tas-sit web "BestBags.com" b'pixel tat-traċċar, għall-wiri tar-reklam fuq il-paġna tal-midja soċjali tiegħu, kif ukoll kwalunkwe rapportar eventwali relatat mal-kampanja ta' mmirar.

132. Sabiex jiġi żviluppat l-arranġament komprensiv, kemm il-fornitur tal-midja soċjali kif ukoll il-persuna responsabbli mill-immirar iridu jkunu konxji ta', u jkollhom informazzjoni dettaljata biżżejjed rigward, l-operazzjonijiet speċifiċi tal-ipproċessar tad-*data* li jkunu qed isiru. Għalhekk, l-arranġament bejn il-persuna responsabbli mill-immirar u l-fornitur tal-midja soċjali għandu jkun fih (jew jirreferi għal) l-informazzjoni kollha meħtieġa biex iż-żewġ partijiet ikunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-GDPR, Inkluż id-dmir tagħhom li jikkonformaw mal-prinċipji skont l-Artikolu 5(1) tal-GDPR u d-dmir tagħhom li juru l-konformità tagħhom skont l-Artikolu 5(2) tal-GDPR.

133. Jekk, pereżempju, il-kontrollur ikun qed jikkunsidra li jistrieħ fuq l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR bħala bażi ġuridika, huwa meħtieġ, fost l-oħrajn, li jkun jaf il-firxa tal-ipproċessar tad-*data* sabiex ikun jista' jivvaluta jekk l-interess tal-kontrollur(i) jingħelibx mill-interessi jew mid-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*. Mingħajr informazzjoni suffiċjenti dwar l-ipproċessar, tali valutazzjoni ma tistax titwettaq. L-importanza li tiġi inkluża jew referenzjata l-informazzjoni meħtieġa fil-kuntest ta' l-arranġament konġunt ma tistax tiġi enfasizzata żżejjed, speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn waħda mill-partijiet kważi esklussiva jkollha l-għarfien u l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa biex iż-żewġ partijiet jikkonformaw mal-GDPR.

Pereżempju, fl-Eżempju 1, meta l-Kumpanija X tkun qed tivvaluta jekk tistax tistrieħ fuq l-interess leġittimu bħala bażi ġuridika biex timmira għal irġiel fl-età ta' bejn it-30 u l-45 sena u li jkunu indikaw li ma għandhomx sieħba/sieħeb, huwa meħtieġ li jkollha aċċess għal informazzjoni suffiċjenti dwar l-ipproċessar imwettaq mill-pjattaforma tal-midja soċjali, inkluż, pereżempju, għal dak li jikkonċerna l-miżuri addizzjonali (bħad-dritt għal oġġezzjoni minn qabel) stabbiliti minn din tal-aħħar, sabiex tiżgura li l-interessi leġittimi ma jingħelbux mill-interessi jew mid-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data*.

134. Sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tas-suġġett tad-*data* jkunu jistgħu jiġu akkomodati b'mod effettiv, l-EDPB huwa tal-fehma li l-fini tal-ipproċessar u l-baży ġuridika korrispondenti għandhom ikunu riflessi wkoll fl-arranġament konġunt bejn il-persuni responsabbli mill-immirar u l-fornituri tal-midja soċjali li huma kontrolluri konġunti. Għalkemm il-GDPR ma jipprekludix lill-kontrolluri konġunti milli jużaw baży ġuridika differenti għall-operazzjonijiet ta' pproċessar differenti li jwettqu, huwa rakkomandat li tintuża, kull meta jkun possibbli, l-istess baży ġuridika għal għodda ta' mmirar partikolari u għal fini partikolari. Tabilħaqq, jekk kull stadju tal-ipproċessar jiġi pproċessat fuq baży ġuridika differenti, dan jagħmel l-eżerċitar tad-drittijiet imprattikabbli għas-suġġett tad-*data* (eż. għal stadju wieħed ikun hemm dritt għall-portabbiltà tad-*data*, għal ieħor ikun hemm dritt għal oġġezzjoni).

135. Bħala kontrolluri, il-persuna responsabbli mill-immirar u l-fornitur tal-midja soċjali huma t-tnejn responsabbli biex jiżguraw li jkun hemm konformità mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop u, għalhekk, għandhom jinkorporaw dispożizzjonijiet xierqa għal dak l-għan fl-arranġament konġunt.

Pereżempju, jekk il-persuna responsabbli mill-immirar tkun tixtieq tuża *d-data* personali pprovduta lilha mis-suġġett tad-*data* sabiex timmira fuq il-midja soċjali, hija trid tiegħu miżuri xierqa biex tiżgura li *d-data* pprovduta ma tintużax aktar mill-fornitur tal-midja soċjali b'mod li jkun inkompatibbli ma' dawk il-finijiet, sakemm ma jkunx inkiseb il-kunsens validu tas-suġġett tad-*data* skont l-Artikolu 6(4) tal-GDPR.

Fl-Eżempju 3, il-Bank X għandu jiżgura li jkun hemm dispożizzjonijiet xierqa fl-arranġament konġunt mal-pjattaforma tal-midja soċjali li l-indirizz tal-posta elettronika tas-Sur Lopez ma jintużax għal finijiet oħrajn għajr għar-reklamar tal-offerti marbuta mas-servizzi bankarji li huwa diġà qed juża mingħajr il-kunsens tas-Sur Lopez.

Bl-istess mod, il-fornitur tal-midja soċjali jrid jiżgura li l-użu ta' *data* għall-finijiet ta' mmirar mill-persuni responsabbli mill-immirar ikun konformi mal-prinċipji ta' limitazzjoni tal-iskop, trasparenza u legalità.

136. Obbligi oħrajn li għandhom jiġu kkunsidrati mill-persuna responsabbli mill-immirar u mill-fornitur tal-midja soċjali fil-kuntest tal-arranġament konġunt tagħhom jinkludu: prinċipji ġenerali oħrajn tal-protezzjoni tad-*data* li jinsabu fl-Artikolu 5 tal-GDPR, is-sigurtà tal-ipproċessar, il-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku, in-notifiki u l-komunikazzjonijiet ta' ksur tad-*data* personali, il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*, l-użu ta' proċessuri u t-trasferimenti lil pajjiżi terzi.

Pereżempju, fl-Eżempju 13, l-arranġament konġunt għandu jindirizza l-kwistjoni ta' liema mill-kontrolluri għandhom iwettqu DPIA u jiżguraw li jsir skambju ta' għarfien rilevanti. Fi kliem ieħor, il-partit politiku "Letschangetheworld" għandu jiżgura li jkollu livell suffiċjenti ta' informazzjoni, pereżempju, dwar il-miżuri ta' sigurtà stabbiliti mill-pjattaforma tal-midja soċjali, meta titwettag DPIA.

137. Fl-aħħar nett, l-arranġament konġunt bejn il-fornitur tal-midja soċjali u l-persuna responsabbli mill-immirar irid ikun fih informazzjoni speċifika dwar kif l-obbligi skont il-GDPR għandhom jiġu ssodisfati fil-prattika. Jekk ma jkun hemm l-ebda ċarezza dwar il-mod li bih għandhom jiġu ssodisfati l-obbligi, b'mod partikolari b'rabta mad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, kemm il-persuna responsabbli mill-immirar kif ukoll il-fornitur tal-midja soċjali jittqiesu bħala li qegħdin jaġixxu bi ksur tal-Artikolu 26(1) tal-GDPR. Barra minn hekk, f'każijiet bħal dawn, iż-żewġ kontrolluri (konġunti) ma jkunux implimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw u jkunu jistgħu juru li l-ipproċessar jitwettag f'konformità mal-GDPR u, għalhekk, ikunu kisru l-obbligi tagħhom skont l-Artikoli 5(2) u 24.

9.2 Il-livelli ta' responsabbiltà

138. L-EDPB josserva li l-persuni responsabbli mill-immirar li jkunu jixtiequ jużaw l-għodod ta' mmirar ipprovduti minn fornitur tal-midja soċjali jistgħu jiġu kkonfrontati bil-ħtieġa li jaderixxu ma' arranġamenti definiti minn qabel, mingħajr l-ebda possibbiltà li jinnegożjaw jew jaġhmlu modifiki (kundizzjonijiet "jew hekk jew xejn"). L-EDPB iqis li tali sitwazzjoni ma tinneqax ir-responsabbiltà konġunta tal-fornitur tal-midja soċjali u tal-persuna responsabbli mill-immirar u ma tistax isservi biex teżenta lil kwalunkwe parti mill-obbligi tagħha skont il-GDPR. Iż-żewġ partijiet għall-arranġament

konġunt huma marbuta wkoll li jiżguraw li l-allokkazzjoni tar-responsabbiltajiet tkun tirrifletti kif xieraq ir-rwoli u r-relazzjonijiet rispettivi tagħhom vis-à-vis id-*data* tas-suġġetti b'mod prattiku, veritier u trasparenti.

139. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li arranġament skont l-Artikolu 26 tal-GDPR ma jstax jegħleb l-obbligi legali imposti fuq kontrollur (konġunt). Filwaqt li l-kontrolluri konġunti għandhom, f'konformità mal-Artikolu 26 tal-GDPR “*jiddeterminaw ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-konformità*” mal-GDPR, kull kontrollur jibqa', bħala kwistjoni ta' prinċipju, responsabbli għall-konformità tal-ipproċessar. Dan ifisser li kull kontrollur huwa – *inter alia* – responsabbli għall-konformità mal-prinċipji stabbiliti skont l-Artikolu 5(1) tal-GDPR, inkluż il-prinċipju tal-legalità stabbilit skont l-Artikolu 5(1)(a) tal-GDPR.
140. Madankollu, il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna responsabbli mill-immirar u tal-fornitur tal-midja soċjali b'rabta mal-obbligi speċifiċi jista' jvarja. F'*Wirtschaftsakademie*, il-QĠUE nnotat li “*l-eżistenza ta' responsabbiltà konġunta mhux bilfors tfisser responsabbiltà ekwivalenti għall-operaturi differenti kkonċernati fl-ipproċessar ta' data personali. [...] dawn l-operaturi jistgħu jkunu involuti fi stadji differenti ta' dan l-ipproċessar u bi gradi differenti, b'tali mod li l-livell ta' responsabbiltà ta' kull wieħed minnhom għandu jiġi evalwat billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti tal-każ*”.¹⁰⁵
141. Fi kliem ieħor, għalkemm il-kontrolluri konġunti huma t-tnejn responsabbli biex jikkonformaw mal-obbligi skont il-GDPR, u għalkemm is-suġġett tad-*data* jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu kontra kull wieħed mill-kontrolluri, il-livell ta' responsabbiltà tagħhom irid jiġi vvalutat fuq ir-rwol proprju tagħhom fl-ipproċessar. F'*Google Spain*, il-QĠUE ċċarat li kontrollur irid jiżgura, “*fi ħdan il-qafas tar-responsabbiltajiet, tas-setgħat u tal-kapaċitajiet tiegħu*”, li l-ipproċessar ta' *data* personali jissodisfa r-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.¹⁰⁶
142. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-livell ta' responsabbiltà tal-persuni responsabbli mill-immirar u tal-fornituri tal-midja soċjali, hemm diversi fatturi li jistgħu jkunu rilevanti, bħall-kapaċità li jinfluwenzaw l-ipproċessar fuq livell prattiku, kif ukoll l-għarfien attwali jew kostruttiv ta' kull wieħed mill-kontrolluri konġunti. Huwa importanti wkoll li jkun ċar f'liema stadju tal-ipproċessar u sa liema punt jew grad il-persuna responsabbli mill-immirar u l-fornitur tal-midja soċjali huma responsabbli għall-ipproċessar.¹⁰⁷

Fl-Eżempju 1, il-Kumpanija X tistabbilixxi kampanja ta' reklamar sabiex l-utenti li jikkorrespondu għal kriterji speċifiċi ta' mmirar ikunu jistgħu jintwerew reklami għall-kumpanija fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali. Madankollu, għalkemm hija tistabbilixxi l-parametri għall-kampanja ta' reklamar, hija ma tiġborx u ma għandhiex aċċess għal *data* personali, u lanqas ma għandha xi kuntatt dirett mas-suġġett tad-*data*. Kull wieħed minn dawn l-elementi jista' jkun rilevanti meta jiġu vvalutati l-livell (jew “il-grad”) jew ir-responsabbiltà tal-persuna responsabbli mill-immirar u tal-fornitur tal-midja soċjali f'każ li jiġi stabbilit ksur tal-GDPR (eż. f'każ ta' nuqqas ta' trasparenza lejn is-suġġett tad-*data* jew nuqqas li tiġi żgurata l-legalità tal-ipproċessar). Kif indikat qabel, minkejja dan, iż-żewġ partijiet huma obbligati li jieħdu miżuri xierqa sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-GDPR u jipproteġu d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* kontra forom illegali ta' pproċessar.

Fl-Eżempju 3, li kien jinvolvi mmirar ibbażat fuq lista, is-sitwazzjoni hija kemxejn differenti mill-Eżempju 1. Fl-Eżempju 3, il-bank inizjalment ġabar id-*data* personali u kkondividiha mal-fornitur tal-

¹⁰⁵ Is-Sentenza tal-QĠUE tal-5 ta' Ġunju 2018, *Wirtschaftsakademie*, C-210/16, il-paragrafu 43.

¹⁰⁶ Ara wkoll il-QĠUE, C-131/12, *Google Spain* (“responsabbiltajiet, setgħat u kapaċitajiet”).

¹⁰⁷ L-EDPB iqis li, f'varjetà ta' każijiet, valutazzjoni bbażata fuq il-kriterji msemmija hawn fuq (eż. id-*data* użata biex jiġu stabbiliti l-kriterji ta' mmirar, it-tqabbil tas-suġġett tad-*data*, il-ġbir tal-kunsens) x'aktarx li twassal għall-eżitu li huwa l-fornitur tal-midja soċjali li għandu influwenza aktar fattwali fuq l-ipproċessar u, għalhekk, għandu grad oġġla ta' responsabbiltà, skont il-mekkaniżmu ta' mmirar speċifiku li qed jintuża.

midja soċjali għall-finijiet ta' mmirar. F'dak il-każ, il-persuna responsabbli mill-immirar ikkawżat volontarjament l-istadju tal-ġbir u tat-trażmissjoni tal-ipproċessar tad-*data*. Kull wieħed minn dawn l-elementi għandu jitqies meta jiġi vvalutat il-livell ta' responsabbiltà ta' kull attur u għandu jkun rifless kif xieraq fit-termini tal-arranġament konġunt.

Bl-istess mod, fl-Eżempju 4, fil-każ ta' mmirar ibbażat fuq pixels, għandu jitqies li l-operatur tas-sit web jippermetti t-trażmissjoni ta' *data* personali lill-fornitur tal-midja soċjali. Huwa tabilħaqq is-sit web "BestBags.com" li jintegra pixel tat-traċċar fuq is-sit web tiegħu sabiex ikun jista' jimmira għas-Sur Schmidt, għalkemm huwa ddeċieda li ma jixtri xejn¹⁰⁸. Għalhekk, is-sit web huwa involut b'mod attiv fil-ġbir u t-trażmissjoni tad-*data*. Madankollu, bħala kontrollur konġunt, il-fornitur tal-midja soċjali huwa wkoll obligat li jieħu miżuri xierqa biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-GDPR u jiproteġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* kontra forom illegali ta' pproċessar. F'dan il-każ, jekk jintalab il-kunsens tas-suġġett tad-*data*, il-kontrolluri konġunti għandhom jaqblu fuq il-mod kif jinġabar il-kunsens fil-prattika.

143. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-livell ta' responsabbiltà tal-fornitur tal-midja soċjali, l-EDPB josserva li diversi mekkaniżmi ta' mmirar jiddependu fuq it-tfassil tal-profilu u/jew attivitajiet ta' pproċessar oħrajn preċedentement imwettqa mill-fornitur tal-midja soċjali. Huwa l-fornitur tal-midja soċjali li jiddeċiedi li jipproċessa d-*data* personali tal-utenti tiegħu b'tali mod li jiżviluppa l-kriterji ta' mmirar li huwa jagħmel disponibbli għall-persuni responsabbli mill-immirar. Sabiex jagħmel dan, il-fornitur tal-midja soċjali jkun ħa ċerti deċiżjonijiet b'mod indipendenti rigward l-ipproċessar, bħal liema kategoriji ta' *data* għandhom jiġu pproċessati, liema kriterji ta' mmirar għandhom jiġu offruti u min għandu jkollu aċċess (għal liema tipi ta') *data* personali li tiġi pproċessata fil-kuntest ta' kampanja ta' mmirar partikolari. Tali attivitajiet ta' pproċessar iridu jikkonformaw ukoll mal-GDPR, qabel ma jiġi offrut kwalunkwe servizz ta' mmirar.
144. L-eżempji msemmija fil-paragrafi preċedenti jindikaw l-importanza li jiġu allokati b'mod ċar ir-responsabbiltajiet fl-arranġament ta' kontrollur konġunt bejn il-fornituri tal-midja soċjali u l-persuni responsabbli mill-immirar. Minkejja li t-termini tal-arranġament għandhom fi kwalunkwe każ jirriflettu l-livell ta' responsabbiltà ta' kull attur, arranġament komprensiv li jirrifletti kif xieraq ir-rwol u l-kapaċitajiet ta' kull parti huwa meħtieġ mhux biss li jikkonforma mal-Artikolu 26 tal-GDPR, iżda wkoll li jikkonforma ma' regoli u prinċipji oħrajn tal-GDPR.
145. Fl-aħħar nett, l-EDPB jinnota li sa fejn it-termini tal-arranġament konġunt bejn il-fornitur tal-midja soċjali u l-persuna responsabbli mill-immirar ma jorbtux lill-awtoritajiet superviżorji, dawn tal-aħħar jistgħu jeżerċitaw il-kompetenzi u s-setgħat tagħhom b'rabta ma' wieħed mill-kontrolluri konġunti, sakemm il-kontrollur konġunt inkwistjoni jkun soġġett għall-kompetenza ta' dik l-awtorità superviżorja.

¹⁰⁸ Barra minn hekk, billi BestBags.com integra l-pixel tat-traċċar tal-midja soċjali fuq is-sit web tiegħu, huwa responsabbli biex jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika fir-rigward ta' din l-għodda, li, minħabba li l-pixel jiffaċilita wkoll l-ipproċessar ta' *data* personali, hija importanti wkoll meta jiġi ddeterminat il-livell ta' responsabbiltà.